IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.6.2016
COM(2016) 411 final

2016/0190 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri (riformulazzjoni)

{SWD(2016) 207 final}
{SWD(2016) 208 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Din il-proposta hija riformulazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament "Brussell IIa").

Ir-Regolament Brussell IIa huwa l-bażi li fuqha hija mibnija l-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-affarijiet tal-familja fl-Unjoni Ewropea. Huwa jistabbilixxi regoli uniformi ta' ġurisdizzjoni għad-divorzju, għas-separazzjoni u għall-annullament taż-żwieġ, kif ukoll għal tilwim dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri f'sitwazzjonijiet transfruntieri. Huwa jiffaċilita ċ-ċirkolazzjoni libera tas-sentenzi, l-istrumenti awtentiċi u l-ftehimiet fl-Unjoni billi jistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar tagħhom fi Stati Membri oħra. Ilu japplika mill-1 ta' Marzu 2005 għall-Istati Membri kollha[1] minbarra d-Danimarka[2].

Għaxar snin wara l-bidu tal-applikazzjoni tar-Regolament, il-Kummissjoni vvalutat l-operazzjoni tar-Regolament fil-prattika u qieset l-emendi neċessarji għall-istrument fir-rapport ta' applikazzjoni tagħha adottat f'April. 2014[3]. Din hija inizjattiva fil-Programm dwar l-Idoneità tar-Regolamentazzjoni (REFIT). Barra minn hekk, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (QĠUE) sa issa tat 24 sentenza dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament li ttieħdu f'kunsiderazzjoni.

L-objettiv tar-riformulazzjoni huwa li jkompli jiġi żviluppat l-ispazju Ewropew ta' Ġustizzja u Drittijiet Fundamentali bbażat fuq il-Fiduċja Reċiproka billi jitneħħew l-ostakli li baqa' għall-moviment liberu tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji f'konformità mal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku u li jiġu mħarsa aħjar l-aħjar interessi tal-minuri billi tissimplifika l-proċeduri u ssaħħaħ l-effiċjenza tagħhom.

Il-Linji Gwida Politiċi tal-Kummissjoni ta' Juncker[4] jenfasizzaw li l-kooperazzjoni ġudizzjarja fost l-Istati Membri tal-UE trid tittejjeb gradwalment biex tlaħħaq mar-realtà taċ-ċittadini li kull ma jmur qegħdin isiru dejjem iżjed mobbli fl-Unjoni, jiżżewġu u jkollhom it-tfal, billi jinbnew pontijiet bejn is-sistemi ġudizzjarji differenti u bir-rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi, biex b'hekk iċ-ċittadini jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fl-Unjoni b'mod iktar ħafif.

Filwaqt li r-Regolament huwa ġeneralment ikkunsidrat li qed jiffunzjona tajjeb, il-konsultazzjoni ma' partijiet ikkonċernati u numru ta' studji wrew li hemm bosta nuqqasijiet fit-tħaddim attwali tar-Regolament li għandha tinstab soluzzjoni għalihom. Bejn iż-żewġ oqsma koperti mir-Regolament, il-kwistjonijiet matrimonjali u tar-responsabbiltà tal-ġenituri,

---

[1] Għal dawk l-Istati Membri li ngħaqdu mal-Unjoni wara din id-data, ir-Regolament japplika mill-bidu tas-sħubija tagħhom (il-Bulgarija u r-Rumanija: l-1 ta' Jannar 2007, il-Kroazja: l-1 ta' Lulju 2013).

[2] Id-Danimarka, skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ma tiħux sehem fir-Regolament, u għalhekk la hi marbuta bih u lanqas mhi soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

[3] COM(2014) 225 finali.

[4] Bidu ġdid għall-Ewropa: L-Aġenda tiegħi għall-Impjiegi, it-Tkabbir, il-Ġustizzja u t-Tibdil Demokratiku. Linji gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss, Jean-Claude Juncker, Strasburgu, il-15 ta' Lulju 2014.

dawn tal-aħħar ġew identifikati bħala li kkawżaw problemi akuti li jeħtieġ li jiġu indirizzati b'mod urġenti.

Fir-rigward tal-kwistjonijiet matrimonjali, f'dan l-istadju kienet disponibbli biss evidenza limitata tal-problemi eżistenti (inkluża statistika) sabiex tippermetti indikazzjoni preċiża tal-ħtieġa ta' intervent u l-iskala tal-problemi, u għażla kompletament infurmata ta' kull għażla kkunsidrata. Barra minn hekk, sa mill-adozzjoni tar-Regolament Brussell IIa, ġew adottati tliet strumenti oħra tal-UE li jiffaċilitaw it-trattar ta' kwistjonijiet matrimonjali f'każ ta' divorzju ta' koppja internazzjonali. Ir-Regolament Ruma III[5] fih regoli dwar id-dritt applikabbli għad-divorzju, u r-Regolament dwar il-Manteniment[6] jindirizza l-ġurisdizzjoni u d-dritt applikabbli li jikkonċerna l-mantenimentgħall-konjuġi u għall-minuri. Barra minn hekk, dan l-aħħar il-Kunsill awtorizza kooperazzjoni msaħħafir-rigward tal-aspetti tal-proprjetà tal-konjuġi internazzjonali.[7]

Essenzjalment, setgħu jiġu identifikati sitt nuqqasijiet ewlenin dwar kwistjonijiet tar-responsabbiltà tal-ġenituri:

Il-proċedura tar-ritorn tat-tfal

F'każijiet ta' sekwestru ta' minuri mill-ġenituri, aġir fil-ħin huwa essenzjali għat-tħaddim b'suċċess tal-proċedura tar-ritorn tal-minuri stabbilita fir-Regolament. Deher, madankollu, li r-ritorn immedjat tal-minuri ma setax ikun żgurat f'kull każ. L-ineffiċjenza tal-proċedimenti tar-ritorn tista' tiġi attribwita għal diversi aspetti. Il-limitu ta' żmien ta' sitt ġimgħat biex tinħareġ ordni ta' ritorn irriżulta inadegwat fil-prattika billi hemm dubji fost l-imħallfin u l-prattikanti jekk is-sitt ġimgħat japplikawx għal kull istanza, inklużi l-appelli jew hux ukoll għall-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn. Minbarra dan, ir-Regolament attwali ma jistabbilixxi l-ebda limitu ta' żmien għall-ipproċessar ta' applikazzjoni mill-Awtorità Ċentrali riċeventi. Minbarra dan, problemi biex tiġi rrispettata l-iskadenza ġew attribwiti b'mod partikolari għan-nuqqas fil-liġi nazzjonali ta' limitazzjoni tan-numru ta' appelli li jistgħu jitressqu kontra ordni ta' ritorn. Dewmien fl-indirizzar ta' każijiet kien ikkawżat ukoll minn nuqqas ta' speċjalizzazzjoni tal-qrati li jittrattaw applikazzjonijiet ta' ritorn f'bosta Stati Membri. Dawn il-każijiet ta' sekwestru transfruntier huma kumplessi u sensittivi iżda l-imħallef individwali ma jiltaqax magħhom ta' sikwit meta dawn ikunu ttrattati minn kull qorti lokali tal-familja. B'riżultat ta' dan, l-imħallfin huma anqas familjari mal-proċeduri u d-dispożizzjonijiet involuti u għandhom anqas opportunità li jikkoordinaw b'mod regolari ma' ġurisdizzjonijiet oħra tal-UE b'mod favorevoli għall-bini ta' fiduċja reċiproka.

Fl-aħħar nett, l-hekk imsejjaħ "mekkaniżmu prijoritarju" jikkostitwixxi żieda ma' dak li ġie stipulat fil-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980[8] u huwa maħsub li għandu effett ta' deterrent aktar

[5] Ir-Regolament (UE) 1259/2010 tal-20 ta' Diċembru 2010 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-liġi applikabbli għad-divorzju u għas-separazzjoni legali (ĠU L 343, 29.12.2010, p. 10).

[6] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment (ĠU L 7, 10.0.2001, p. 1).

[7] Fit-3 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza kooperazzjoni msaħħa fl-ispazju tal-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet dwar ir-reġimi tal-proprjetà tal-koppji internazzjonali, li tkopri kemm kwistjonijiet ta' reġimi ta' proprjeta matrimonjali kif ukoll il-konsegwenzi ta' proprjetà ta' sħubiji rreġistrati, u ppreżentat żewġ regolamenti ta' implimentazzjoni. Il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni fid-9 ta' Ġunju 2016.

[8] Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980").

b'saħħtu fuq il-ġenitur li potenzjalment ikun se jaħtaf il-minuri. Huwa jistabbilixxi l-proċedura li għandha tiġi segwita wara li ordni ta' nuqqas ta' ritorn tinħareġ fl-Istat tar-rifuġju abbażi tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980. L-applikazzjoni prattika tal-"mekkaniżmu prijoritarju" irriżultat bħala diffiċli minħabba li l-proċedimenti ta' kustodja ma jseħħux fl-Istat Membru fejn il-minuri jkunu preżenti u għaliex il-ġenitur li jaħtaf il-minuri ta' sikwit ma jikkooperax. B'mod partikolari, huwa ta' sikwit diffiċli li jinstemgħu l-minuri.

It-tqegħid tal-minuri fi Stat Membru ieħor

Qorti jew awtorità li tkun qed tikkunsidra li tikkolloka tfal f'familja tar-rispett jew istituzzjoni fi Stat Membru ieħor għandha *tikkonsulta* lill-awtoritajiet ta' dak l-Istat qabel ma tordna l-kollokament. L-Awtoritajiet Ċentrali li għandhom obbligu li jassistu l-qrati u l-awtoritajiet biex jagħmlu kollokamenti transfruntieri rrappurtaw regolarment li xi kultant ikunu meħtieġa bosta xhur sakemm jiġi stabbilit jekk ikunx meħtieġ il-kunsens f'każ partikolari. Jekk ikun meħtieġ il-kunsens, il-proċedura tal-konsultazzjoni nnifisha għandha ssegwi u hija rrappurtata li tieħu l-istess tul ta' żmien billi ma hemmx skadenza għall-awtoritajiet li ssirilhom it-talba biex jirrispondu. B'riżultat ta' dan, fil-prattika bosta awtoritajiet li jagħmlu talba jordnaw il-kollokament u jibagħtu lit-tfal fl-Istat riċeventi waqt li l-proċedura ta' konsultazzjoni tkun għadha pendenti jew saħansitra fil-mument li fih tkun inizjata għaliex iqisu l-kollokament bħala urġenti u huma konxji mit-tul tal-proċedimenti. L-Istati riċeventi għalhekk ilmentaw li t-tfal ta' sikwit diġà kienu kollokati qabel ma jkun ingħata l-kunsens, u dan iħalli t-tfal f'sitwazzjoni ta' inċertezza ġuridika.

Ir-rekwiżit tal-exequatur

Il-proċedura biex deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru ieħor tiġi ddikjarata infurzabbli ("*exequatur*") għadha ostaklu għaċ-ċirkolazzjoni libera tad-deċiżjonijiet u tinvolvi spejjeż u dewmien żejda għall-ġenituri u t-tfal tagħhom involuti fi proċedimenti transfruntieri. Iż-żmien biex jinkiseb *exequatur* ivarja bejn l-Istati Membri; jista' jieħu minn jum jew tnejn sa bosta xhur, skont il-ġurisdizzjoni u l-kumplessità tal-każ. Iż-żmien indikat ma jqisx iż-żmien meħtieġ biex jinġabru d-dokumenti meħtieġa għall-applikazzjoni u t-traduzzjonijiet. Jekk isir appell kontra għoti jew rifjut ta' *exequatur*, dan id-dewmien jiżdied konsiderevolment: il-proċedimenti ta' appell jistgħu jieħdu sa sentejn f'xi Stati Membri. Dan huwa partikolarment frustranti għal ġenituri li jistennew li d-deċiżjonijiet li jirrigwardaw l-minuri jsiru effettivi mingħajr dewmien żejjed.

Jista' jkun hemm ukoll sitwazzjonijiet kontradittorji fejn Stat Membru jkollu jinforza drittijiet ta' aċċess skont ir-Regolament filwaqt li, fl-istess ħin, ir-rikonoxximent u/jew l-infurzar tad-drittijiet ta' kustodja mogħtija fl-istess deċiżjoni tista' ssirilhom oġġezzjoni u possibilment jistgħu jiġu wkoll rifjutati fl-istess Stat Membru minħabba li d-deċiżjonijiet dwar iż-żewġ drittijiet bħalissa huma soġġetti għal proċeduri differenti skont ir-Regolament.

Smigħ tal-minuri

Hemm diskrepanzi fl-interpretazzjoni tar-raġunijiet għar-rifjut ta' rikonoxximent ta' deċiżjonijiet mogħtija fi Stati Membri oħra, b'mod partikolari fir-rigward tas-smigħ tal-minuri. Ir-Regolament huwa bbażat fuq il-prinċipju li l-ideat tal-minuri jridu jitqiesu f'każijiet li jirrigwardawhom sakemm dan ikun xieraq fid-dawl tal-età u l-maturità tagħhom u konformi mal-aħjar interessi tagħhom. Diffikultajiet jirriżultaw mill-fatt li l-Istati Membri għandhom regoli diverġenti li jirregolaw is-smigħ tal-minuri. B'mod partikolari, l-Istati Membri li għandhom standards aktar stretti fir-rigward tas-smigħ tal-minuri mill-Istat Membru tal-

oriġini tad-deċiżjoni huma mħeġġa mir-regoli preżenti biex jirrifjutaw ir-rikonoxximent u l-*exequatur* jekk is-smigħ tal-minuri ma jissodisfax l-istandards tagħhom. Barra minn hekk, l-importanza tas-smigħ tal-minuri mhijiex enfasizzata fir-Regolament f'termini ġenerali għall-każijiet kollha dwar kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, iżda biss fir-rigward tal-proċedimenti ta' ritorn. Jekk tittieħed deċiżjoni mingħajr ma jkunu nstemgħu l-minuri, ikun hemm il-periklu li d-deċiżjoni ma tqis biżżejjed l-aħjar interessi tal-minuri.

L-infurzar effettiv tad-deċiżjonijiet

Id-deċiżjonijiet dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri ta' sikwit huma infurzati tard jew ma huma infurzati xejn. L-infurzar effiċjenti jiddependi fuq l-istrutturi nazzjonali stabbiliti sabiex jiżguraw l-infurzar. L-approċċ ġuridiku u prattiku għall-infurzar tad-deċiżjonijiet tal-familja jvarja bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tal-miżuri ta' infurzar meħuda. Ladarba tkun saret ordni, huwa importanti li jkun hemm miżuri effettivi disponibbli sabiex tiġi infurzata filwaqt li għandu jitqies li għall-infurzar kontra t-tfal, għandu jibqa' possibbli li jkun hemm reazzjoni rapida għal kull riskju temporanju jew permanenti għall-aħjar interessi tat-tfal li jistgħu jkunu kkawżati mill-infurzar.

Kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Ċentrali

Il-kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Ċentrali f'każijiet speċifiċi dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri, li tinsab fl-Artikolu 55, hija essenzjali biex tappoġġa b'mod effettiv lill-ġenituri u lill-minuri involuti fi proċedimenti transfruntieri li jirrigwardaw kwistjonijiet tal-minuri. Problema osservata mill-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi l-Istati Membri, hija l-lingwaġġ mhux ċar tal-artikolu li jistabbilixxi l-assistenza li għandha tiġi pprovduta mill-Awtoritajiet Ċentrali f'każijiet speċifiċi dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri. Dan wassal għal dewmien li huwa ta' ħsara għall-aħjar interessi tal-minuri. Skont ir-riżultati tal-konsultazzjoni, l-artikolu ma jikkostitwixxix bażi ġuridika suffiċjenti għall-awtoritajiet nazzjonali f'xi Stati Membri biex jieħdu azzjoni għaliex il-liġi nazzjonali tagħhom titlob bażi ġuridika awtonoma aktar espliċita fir-Regolament.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta tqis strumenti oħra, b'mod partikolari Regolamenti oħra tal-UE fil-qasam tal-liġi tal-familja u strumenti internazzjonali bħall-Konvenzjonijiet tal-Aja tal-1980[9] u tal-1996[10].

Fir-rigward tal-kwistjonijiet tar-responsabbiltà tal-ġenituri (il-kustodja, l-aċċess, il-protezzjoni tal-minuri) il-qrati tal-Istati Membri huma marbuta bir-regoli tal-*ġurisdizzjoni* tar-Regolament. Ma hemm l-ebda strument ieħor tal-UE li jittratta dan l-aspett. Il-mira tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 hija li tħares il-ġurisdizzjoni tal-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri f'każijiet ta' sekwestru transfruntier tal-minuri. Kemm f'każijiet fl-UE kif ukoll f'każijiet li jirrigwardaw Stati terzi, il-*liġi applikabbli għal kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri* hija determinata mill-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996.

Fi kwistjonijiet matrimonjali, ir-Regolament Brussell IIa jirregola l-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istati Membri għad-divorzju, is-separazzjoni ġuridika u l-annullament taż-żwieġ. Ir-regoli li jiddeterminaw *liema liġi tapplika* għal dawn il-kwistjonijiet huma determinati skont ir-

[9] *Supra* nota 8.
[10] Il-Konvenzjoni tal-Aja tad-19 ta' Ottubru tal-1996 dwar il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent, l-Infurzar u l-Koperazzjoni fir-Rigward tar- Responsabbilità ta' Ġenituri u l-Miżuri għall-Protezzjoni tal-Minuri (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996").

Regolament Ruma III, stabbilit bħala strument ta' kooperazzjoni msaħħa fl-Istati Membri li japplikawh.

Ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet mogħtija fi Stat Membru ieħor dwar kwistjonijiet ta' responsabbiltà matrimonjali jew tal-ġenituri huma rregolati mir-Regolament Brussell IIa.

Hemm rabta indiretta mar-Regolament dwar il-Manteniment; il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan tal-aħħar jirrigwarda l-obbligi tal-manteniment li jirriżultaw minn relazzjoni ta' familja filwaqt li l-manteniment huwa eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Brussell IIa. Skont ir-Regolament dwar il-Manteniment, il-qrati li jkollhom il-ġurisdizzjoni skont ir-Regolament Brussell IIa normalment ikollhom ukoll ġurisdizzjoni ančillari għall-manteniment.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal azzjoni tal-Unjoni fil-kwistjonijiet tal-familja hija stabbilita fl-Artikolu 81(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 81(1) jiddikjara li l-Unjoni għandha "tiżviluppa koperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili li jkollhom implikazzjonijiet transkonfinali, ibbażata fuq il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji u extraġudizzjarji".

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

L-Unjoni għandha kompetenza maqsuma skont l-Artikolu 81 TFUE li diġà eżerċitat billi ppromulgat ir-Regolament Brussell IIa. L-elementi differenti tal-proposta jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-sussidjarjetà. Il-mekkaniżmu ta' ritorn li jipprevali tar-Regolament japplika biss għall-każijiet ta' sekwestru transfruntier tal-minuri. It-titjib li sar sa issa fi Stati Membri individwali rriżulta li ma għandux impatt fuq il-proċedura ta' ritorn kumplessivament billi l-operat bla xkiel tas-sistema jippreżupponi l-effiċjenza, il-kooperazzjoni mill-qrib u l-fiduċja reċiproka bejn iż-żewġ Stati Membri involuti fil-każ.

Fir-rigward tad-deċiżjonijiet ta' tqegħid, fl-2012 il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "l-Istati Membri huma (…) obbligati jistabbilixxu regoli u proċeduri ċari għall-finijiet tal-kunsens imsemmi fl-Artikolu 56 tar-Regolament, sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza ġuridika u r-rapidità. Il-proċeduri jridu, fost l-oħrajn, jippermettu lill-qorti li tkun qed tikkunsidra l-kollokament sabiex tidentifika b'mod faċli l-awtorità kompetenti u lill-awtorità kompetenti sabiex tagħti jew tirrifjuta l-kunsens tagħha mingħajr dewmien." Madankollu, ir-regoli nazzjonali differenti mhumiex qed jimplimentaw id-dispożizzjoni dwar il-kollokamenti transfruntieri b'mod koerenti u uniformi u huwa improbabbli li jagħmlu dan fil-futur. Ukoll jekk jagħmlu dan, il-koordinazzjoni neċessarja bejn ir-regoli nazzjonali ma tistax tinkiseb fil-livell nazzjonali. Għalhekk, huwa biss il-ħolqien ta' regoli minimi awtonomi fir-Regolament, applikabbli għat-tqegħid transfruntier kollu li joriġina minn qorti jew awtorità fi Stat Membri, li jista' jirrimedja din il-problema.

It-tħassir tal-*exequatur* ma jistax isir mill-Istati Membri individwalment minħabba li l-proċedura diġà ġiet armonizzata mir-Regolament Brussell IIa u tista', għalhekk, tiġi emendata biss permezz ta' regolament. L-istess raġunament japplika għat-titjib fir-regoli eżistenti dwar il-kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Ċentrali tal-Istati Membri.

Fir-rigward tal-infurzar li minnu nnifsu huwa kwistjoni tal-Istati Membri, il-QĠUE ddikjarat li l-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali għall-infurzar ma għandhiex tippreġudika l-effett utli

tar-Regolament[11]. Il-paragrafu 2(f) tal-Artikolu 81 jippermetti fil-livell tal-UE l-eliminazzjoni tal-ostakli għall-funzjonament tajjeb tal-proċedimenti ċivili, jekk neċessarju permezz tal-promozzjoni tal-kompatibilità tar-regoli dwar il-proċedura ċivili applikabbli fl-Istati Membri. Minbarra dan, armonizzazzjoni minima hija ġġustifikata sabiex jintlaħaq l-objettiv ta' rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet. Fejn hemm konsegwenzi negattivi li jirriżultaw minn proċeduri ineffiċjenti ta' infurzar, dawn jenħtieġ li jiġu indirizzati fil-livell tal-UE sabiex eżitu ta' suċċess ikun jista' jiġi garantit ugwalment fl-Istati Membri kollha.

- **Proporzjonalità**

Il-prinċipju tal-proporzjonalità jirrikjedi li l-miżuri li jittieħdu jkunu proporzjonali għad-daqs tal-problemi.

Ir-regoli sostantivi nazzjonali sa ċertu punt se jkunu affettwati mill-azzjoni proposta, sa fejn huma proposti standards komuni tal-infurzar. Madankollu, dan huwa ġġustifikat bl-għan li tiġi żgurata l-effiċjenza sħiħa għar-Regolament u l-fatt li sabiex l-individwi jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom b'mod sħiħ ikunu fejn ikunu fl-Unjoni, l-inkompatibilitajiet bejn is-sistemi ġudizzjarji u amministrattivi bejn l-Istati Membri jridu jitneħħew. L-evalwazzjoni wriet tassew li r-raġunijiet nazzjonali għar-rifjut ta' infurzar jistgħu jiddupplikaw mar-raġunijiet eżistenti tar-rifjut skont ir-Regolament. Minħabba l-istandards differenti biex jiġu applikati dawn ir-raġunijiet skont ir-Regolament u skont il-liġi nazzjonali, ir-raġunijiet nazzjonali jistgħu fir-realtà jimminaw l-applikazzjoni uniformi u bla xkiel tar-regoli Ewropej. Sabiex tiġi żgurata l-uniformità u b'hekk jinħolqu kundizzjonijiet ekwi għaċ-ċittadini kollha fl-Unjoni, huwa għalhekk meħtieġ li jiġu armonizzati r-raġunijiet nazzjonali għar-rifjut sa fejn dawn jiġu invokati kontra l-infurzar ta' deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru ieħor.

Hemm numru kbir u li qed jikber ta' ċittadini tal-UE li huma affettwati direttament u indirettament minn proċedimenti transfruntieri relatati mal-minuri. Il-kostijiet tal-proposta huma modesti u l-benefiċċji huma kbar ħafna meta mqabbla magħhom. Il-proposta ssaħħaħ iċ-ċertezza ġuridika, iżżid il-flessibilità, tiżgura l-aċċess għall-qorti u proċedimenti effiċjenti filwaqt li l-Istati Membri jżommu sovranità sħiħa fir-rigward tal-liġijiet sostantivi dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri.

- **Għażla tal-istrument**

Il-proposta tieħu l-forma ta' riformulazzjoni ta' Regolament b'emendi u s-sostituzzjoni ta' wieħed eżistenti.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex-post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-evalwazzjoni tar-Regolament twettqet fid-dawl tal-objettivi tal-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT)[12]. Dan huwa l-programm tal-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-leġiżlazzjoni tal-UE tkun xierqa għall-finijiet tagħha u twassal ir-riżultati maħsuba mil-leġiżlaturi tal-UE. L-evalwazzjoni tar-Regolament hija bbażata fuq analiżi kwalitattiva u kwantitattiva. Dejta empirika nġabret permezz ta' studju estern; ara r-Rapport

[11] QĠUE, il-11 ta' Lulju 2008, il-Kawża C-195/08 PPU – *Inga Rinau*, para. 82.
[12] Regolamentazzjoni aħjar għal riżultati aħjar - Aġenda tal-UE, COM(2015) 215 finali.

ta' Evalwazzjoni Finali u l-Annessi Analitiċi[13] sabiex tiġi evalwata *r-rilevanza, il-koerenza, l-effikaċja, l-effiċjenza, kif ukoll il-valur miżjud u l-utilità għall-UE* tar-Regolament. Barra minn hekk, żewġ stħarriġiet tnedew fl-2015 biex jiġbru dejta speċifika dwar deċiżjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri.

Filwaqt li r-Regolament huwa meqjus li qed jiffunzjona tajjeb kumplessivament u li qed jagħti valur liċ-ċittadini tal-UE, il-funzjonament operazzjonali tal-istrument xi kultant huwa mfixkel minn sensiela ta' kwistjonijiet ġuridiċi; it-test ġuridiku eżistenti mhuwiex ċar biżżejjed jew mhuwiex komplut f'xi punti[14]. Dan huwa meqjus b'mod partikolari li huwa l-każ għall-proċedura tar-ritorn tal-minuri u għall-kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Ċentrali dwar kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri[15].

L-evalwazzjoni wriet li bejn iż-żewġ oqsma ewlenin koperti mir-Regolament, il-kwistjonijiet tar-responsabbiltà matrimonjali u dawk tar-responsabbiltà tal-ġenituri, dawn tal-aħħar ġew identifikati bħala li kkawżaw problemi akuti. L-effiċjenza kumplessiva ta' ċerti aspetti tal-proċedimenti marbuta mal-minuri tqiegħdet fid-dubju[16]. Fi kwistjonijiet li jirrigwardaw is-sekwestru tal-minuri mill-ġenituri, it-tqegħid transfruntier tal-minuri, ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali (ċentrali u oħrajn), hemm dewmien eċċessiv u mhux dovut li jirriżulta mill-mod kif il-proċeduri eżistenti huma fformulati jew applikati[17]. Dan kellu impatt negattiv fuq ir-relazzjonijiet bejn il-ġenituri u l-minuri u fuq l-aħjar interessi tal-minuri. Barra minn hekk, ir-rekwiżit tal-*exequatur* iġġenera dewmien medju għal kull każ ta' bosta xhur u spejjeż li jammontaw għal EUR 4 000 għaċ-ċittadini[18]. Id-deskrizzjoni vaga tal-kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Ċentrali sikwit wasslet għal dewmien ta' bosta xhur jew saħansitra għan-nuqqas ta' twettiq ta' talbiet[19] – u dan huwa ta' detriment għall-ġid tal-minuri. L-infurzar tad-deċiżjonijiet mogħtija fi Stat Membru ieħor kien identifikat bħala problematiku[20]; id-deċiżjonijiet ta' sikwit mhumiex infurzati jew huma infurzati biss b'dewmien sinifikanti. Barra minn hekk, il-ħidma tal-avukati speċjalizzati tiġġenera kostijiet għall-ġenituri bejn EUR 1 000 u 4 000 għal kull każ[21]. Għall-Istati Membri nfushom, min-naħa l-oħra, ir-Regolament innifsu ġġenera kostijiet limitati ħafna; dawn jirrigwardaw l-aktar l-operat tal-Awtoritajiet Ċentrali[22].

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Qabel din il-proposta kien hemm konsultazzjoni wiesgħa mal-pubbliku interessat, l-Istati Membri, istituzzjonijiet u esperti dwar il-problemi eżistenti tas-sistema attwali u s-soluzzjonijiet possibbli għalihom. Fil-15 ta' April 2014, il-Kummissjoni adottat rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament[23] u nediet konsultazzjoni pubblika li fiha ppreżentat suġġerimenti għar-reviżjoni li dwarhom ġew riċevuti 193 risposta[24]. Jirriżulta mill-proċess ta'

---

13 Studju dwar il-valutazzjoni tar-Regolament (KE) 2201/2003 u l-għażliet ta' politika għall-emendar tiegħu; ara (ir-Rapport tal-Evalwazzjoni Finali) hawn: http://ec.europa.eu/justice/civil/files/bxl_iia_final_report_evaluation.pdf u (l-Annessi Analitiċi) hawn: http://ec.europa.eu/justice/civil/files/bxl_iia_final_report_analtical_annexes.pdf.

14 Ara b'mod partikolari: Ir-Rapport tal-Evalwazzjoni Finali, p. 53.

15 Ara b'mod partikolari: Il-Valutazzjoni tal-Impatt, p. 11.

16 Ara b'mod partikolari: Ir-Rapport tal-Evalwazzjoni Finali, p. 57.

17 Ara b'mod partikolari: Il-Valutazzjoni tal-Impatt, p. 36, 37, 52, 60 u 86.

18 Ara b'mod partikolari: Il-Valutazzjoni tal-Impatt, p. 61.

19 Ara b'mod partikolari: Annessi Analitiċi, p. 92.

20 Ara b'mod partikolari: Annessi Analitiċi, p. 65.

21 Ara b'mod partikolari: Il-Valutazzjoni tal-Impatt, p. 87.

22 Ara b'mod partikolari: Annessi Analitiċi, p. 265.

23 COM(2014) 225 finali.

24 Is-sommarju tar-reazzjonijiet għall-konsultazzjoni pubblika tinsab fl-Annessi Analitiċi, p. 127.

konsultazzjoni li l-partijiet ikkonċernati jappoġġaw il-ħtieġa għal riforma mmirata tajjeb tar-Regolament eżistenti.

F'każijiet li jirrigwardaw is-sekwestru ta' minuri mill-ġenituri, il-maġġoranza tal-konvenuti għall-konsultazzjoni pubblika jaħsbu li r-ritorn immedjat tal-minuri fl-UE ma kienx żgurat fil-każijiet kollha. Is-suġġerimenti ewlenin għal titjib kienu fir-rigward ta' konformità aktar stretta mat-terminu ta' żmien u l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet f'każijiet fejn l-obbligu li jiġu rritornati l-minuri ma jkunx issodisfat[25].

Filwaqt li l-ġenituri huma l-aktar grupp prominenti li fittex li jespandi l-abolizzjoni tal-*exequatur*, segwiti mill-imħallfin u l-avukati, xi Stati Membri indikaw li l-*exequatur* ma għandux ikun abolit mingħajr ma jinżammu ċerti salvagwardji. Kien rakkomandat li fil-każ tal-abolizzjoni tal-*exequatur*, jiġu stabbiliti salvagwardji fir-rigward ta' oqsma bħad-drittijiet tal-partijiet u l-minuri biex jinstemgħu u n-notifika korretta tad-dokumenti[26].

Numru sinifikanti ta' konvenuti qiesu l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri mogħtija fi Stat Membru ieħor bħala qasam importanti għat-titjib. Is-suġġeriment ewlieni mill-prattikanti ġuridiċi kien jinvolvi l-adozzjoni ta' standards minimi komuni inkluża proċedura uniformi ta' infurzar filwaqt li l-Istati Membri kienu xettiċi fir-rigward ta' din is-soluzzjoni[27].

Fl-aħħar nett, il-ġenituri b'mod partikolari esprimew it-tħassib tagħhom fir-rigward tal-kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Ċentrali li r-rwol statutorju tagħhom huwa li jappoġġawhom fi proċedimenti transfruntieri relatati mal-minuri. In-nuqqas ta' kooperazzjoni effiċjenti kien karatteristika ewlenija tat-tweġibiet tal-biċċa l-kbira tal-konvenuti. Sabiex dan jissolva, il-konvenuti rrakkomandaw kjarifika aħjar tad-dmirijiet sabiex il-ġenituri jkunu jistgħu jiġu appoġġati aħjar. B'mod simili, il-konvenuti appoġġaw l-inklużjoni tal-awtoritajiet tal-benesseri tal-minuri fis-sistema ta' kooperazzjoni sabiex jiġi żgurat it-tħaddim bla xkiel tar-Regolament[28].

L-eżitu tal-konsultazzjoni pubblika jikkonferma b'mod ġenerali s-sejbiet tar-rapport ta' applikazzjoni tal-Kummissjoni adottat fl-2014.

- **Ġbir u użu tal-kompetenzi**

Id-disponibilità u l-kompletezza tal-istatistika dwar l-applikazzjoni tar-Regolament huma limitati u jvarjaw ħafna minn Stat Membru għal ieħor. L-analiżi kwalitattiva u kwantitattiva tal-operazzjoni tar-Regolament twettqet permezz ta' studju estern. Minbarra l-istudju, żewġ stħarriġiet - wieħed mal-Awtoritajiet Ċentrali stabbiliti skont ir-Regolament u ieħor mal-Istati Membri - tnedew fl-2015 sabiex jiġbru dejta speċifika dwar deċiżjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri. Barra minn hekk, grupp espert separat ġie kkostitwit bil-għan li jiddiskuti l-problemi u s-soluzzjonijiet possibbli għar-reviżjoni. Il-funzjonament tar-Regolament ġie diskuss regolarment ukoll f'diversi laqgħat tal-Awtoritaiet Ċentrali organizzati fil-qafas tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali.

[25] Annessi Analitiċi, p. 151.
[26] Annessi Analitiċi, p. 153.
[27] Annessi Analitiċi, p. 156.
[28] Annessi Analitiċi, p. 159.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Fil-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja din il-proposta, l-għażliet ta' politika u l-valutazzjoni tal-impatt tagħhom ġew trattati separatament għal kull waħda mill-kwistjonijiet identifikati bħala problematiċi fl-evalwazzjoni tar-Regolament. Għall-kwistjonijiet kollha, ġew żviluppati xenarju bażi u għażliet alternattivi. Għal kwistjonijiet matrimonjali u tal-ġenituri, ġew ikkunsidrati għażliet ta' politika bi gradi differenti ta' intervent. Għall-proċedura tas-sekwestru tal-minuri, tqiesu kjarifiki biss tal-mekkaniżmu kurrenti flimkien ma' għażla li tipprevedi lista ta' miżuri ta' akkumpanjament. Barra minn hekk, ġew żviluppati żewġ għażliet biex jiġu vvalutati tibdiliet radikali possibbli tal-mekkaniżmu ta' ritorn (ritorn għas-sistema "tal-Aja" u l-ħolqien ta' forum uniku fl-Istat Membru ta' oriġini). Għall-mekkaniżmu ta' kollokament, ġew proposti żewġ għażliet sabiex issir għażla bejn sistema b'kunsens preżunt u waħda b'kunsens espliċitu. Rigward ir-rikonoxximent u l-infurzar, iż-żewġ għażliet ta' politika ewlenin ineħħu r-rekwiżit ta' *exequatur* jew jipproponu proċedura ġdida li tirrispondi l-aħjar għall-problema ta' ineffiċjenza. Is-sistema proposta l-ġdida ġiet supplimentata minn tliet għażliet subordinati alternattivi li jindirizzaw il-problema tas-smigħ tal-minuri. Barra minn hekk, ġew ikkunsidrati żewġ għażliet kumplimentari biex jitjieb l-infurzar jew permezz ta' limitu ta' żmien indikattiv jew permezz ta' armonizzazzjoni sħiħa tal-liġi tal-infurzar għal deċiżjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri.

Il-valutazzjoni tintemm bl-għażliet ippreferuti komprensivi għall-kwistjonijiet kollha ppreżentati fir-rapport. Għal kwistjonijiet matrimonjali, l-għażla ta' politika preferuta hija li jinżamm l-i*status quo*. Dan ifisser li l-konjuġi fi żwieġ internazzjonali se jkomplu jkollhom il-possibilità li jikkonsolidaw il-proċedimenti differenti kif permess bħalissa mir-Regolament u minn strumenti oħra tal-liġi tal-familja (bħar-Regolament tal-Manteniment). Fl-istess ħin, il-flessibilità għall-konjuġi sabiex japplikaw għad-divorzju f'wieħed mill-fora indikati fir-Regolament se tinżamm. Il-benefiċċji tat-tnaqqis jew l-abolizzjoni ta' din il-flessibilità (li jiffavorixxuhom xi Stati Membri) jingħelbu mill-iżvantaġġi tal-għażliet ikkunsidrati sabiex jirrispondu għall-problema tal-"ġirja lejn il-qorti" (trasferiment tal-ġurisdizzjoni jew il-ġerarkija tar-raġunijiet) indikata minn Stati Membri oħra. Barra minn hek, konjuġi li ma għandhomx nazzjonalità komuni tal-UE u li jgħixu fi Stat terz iżda jżommu rabtiet ma' ċertu Stat Membru u jridu jiddivorzjaw se jkomplu jiddependu fuq ir-regoli nazzjonali sabiex ikollhom aċċess għall-qrati tal-UE jew ikollhom id-deċiżjoni (miksuba f'pajjiż terz) rikonoxxuta fl-UE.

Fir-rigward tal-kwistjonijiet tar-responsabbiltà tal-ġenituri, l-għażla preferuta hija li jkun hemm intervent tal-UE kif motivat mill-iskala u l-urġenza tal-problema. Aktar speċifikament, il-proċedura tar-ritorn tal-minuri għandha tittejjeb permezz ta' għażla li tiċċara l-mekkaniżmu attwali u tintroduċi miżuri ġodda bħall-konċentrazzjoni tal-ġurisdizzjoni u l-possibilità għall-qorti tar-rifuġju sabiex tordna miżuri protettivi urġenti li jistgħu wkoll "jivvjaġġaw mal-minuri" lejn l-Istat tar-residenza abitwali jekk ikun meħtieġ, biex jiġi żgurat ritorn sikur. Ir-regoli l-ġodda jagħmluha possibbli li jiġi rrispettat il-limitu ta' żmien għar-ritorn billi jispeċifikaw il-limitu ta' żmien għall-proċedimenti quddiem il-qrati ġenerali u tat-tieni istanza separatament. Il-proċedimenti jitqassru billi jiġi introdott limitu ta' żmien ukoll għall-Awtorità Ċentrali li ssirilha t-talba, u billi jiġi limitat in-numru ta' appelli possibbli kontra deċiżjoni dwar ir-ritorn jew in-nuqqas ta' ritorn għal wieħed. L-għażla preferuta tistieden lill-imħallef espliċitament biex iqis jekk id-deċiżjoni għandhiex tkun infurzabbli provviżorjament.

Għal deċiżjonijiet ta' tqegħid, għandha tiġi stabbilita proċedura awtonoma ta' kunsens li għandha tiġi applikata għall-kollokamenti transfruntieri kollha, akkumpanjata minn limitu taż-żmien sabiex l-Istat Membru li ssirlu t-talba jirrispondi għat-talba.

L-*exequatur* jiġi abolit, filwaqt li jinżammu salvagwardji xierqa (raġunijiet għan-nuqqas ta' rikonoxximent u oġġezzjonijiet kontra l-infurzar fih innifsu jew kontra miżuri speċifiċi ta' infurzar) li jiġu invokati b'mod konġunt mill-ġenitur konvenut fl-istadju tal-infurzar fl-Istat Membru tal-infurzar, u b'hekk jitqassar it-tul kumplessiv tal-proċedimenti. Sabiex jitnaqqsu l-problemi li jirriżultaw minn prattiki nazzjonali differenti għas-smigħ tat-tfal u minn deċiżjonijiet maħruġa minn qrati li ma jkollhomx konnessjoni mill-qrib mal-minuri fiż-żmien tad-deċiżjoni, u r-rifjuti li jirriżultaw tar-rikonoxximent tad-deċiżjoni, l-għażla preferuta tirrikjedi lill-Istati Membri jirrispettaw reċiprokament ir-regoli nazzjonali tagħhom filwaqt li tobbligahom jagħtu lill-minuri l-opportunità li jesprimu l-ideat tagħhom u jqisuhom b'mod dovut, u jġibu l-ġurisdizzjoni f'konformità mal-prinċipju ta' gwida tal-prossimità mal-minuri permezz ta' *perpetuatio fori*. F'dak li jirrigwarda l-infurzar, l-għażla preferuta tkun tiggarantixxi li l-infurzar ikun jista' jiġi rifjutat biss fuq il-bażi ta' lista uniformi u limitata ta' raġunijiet għar-rifjut. Ikun hemm ukoll limitu ta' żmien indikat għall-infurzar b'obbligu ta' rappurtar fejn dan jinqabeż u l-possibilità għall-qorti tal-oriġini li tiddikjara deċiżjoni provviżorjament infurzabbli minkejja kull appell kontra d-deċiżjoni filwaqt li titħalla flessibilità sabiex jiġu indirizzati riskji urġenti għall-aħjar interessi tal-minuri fl-istadju tal-infurzar, li min-naħa tiegħu jtejjeb b'mod ċar l-effiċjenza tal-proċedimenti u l-protezzjoni tal-aħjar interessi tal-minuri.

Fir-rigward tal-kooperazzjoni, kjarifika tal-artikolu rispettiv għandha tispeċifika: (1) min jista' jitlob (2) liema assistenza jew informazzjoni (3) mingħand min u (4) b'liema kundizzjonijiet. Jiġi indikat limitu ta' żmien biex l-awtorità li ssirilha t-talba tirrispondi. Ikun ċar li l-qrati u l-awtoritajiet tal-benesseri tal-miuri wkoll ikunu jistgħu jitolbu l-għajnuna tal-Awtoritajiet Ċentrali. Minbarra dan, il-miżuri stabbiliti ħafna tal-liġi mhux vinkolanti jitkomplew biex tiġi pprovduta struttura attwali ta' appoġġ għal dawk li jittrattaw l-applikazzjonijiet skont ir-Regolament. Iż-żieda tal-artikolu propost dwar ir-riżorsi adegwati tagħmel espliċitu r-rekwiżit impliċitu kurrenti li bħalissa huwa ssodisfat fil-każ ta' ċerti Awtoritajiet Ċentrali, iżda mhux ta' kollha, u b'hekk iżżid il-fiduċja reċiproka.

Il-pakkett preferut ta' għażliet ta' politika għall-kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri jissodisfa l-objettivi tas-simplifikazzjoni billi jnaqqas id-dewmien fir-rigward tar-ritorn tal-minuri, id-deċiżjonijiet ta' tqegħid, u l-kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Ċentrali, u l-eliminazzjoni ta' dewmien u spejjeż mhux neċessarji relatati mar-rekwiżit tal-*exequatur*. Fl-istess waqt, dan jirrispondi wkoll għall-urġenza li jiġu rrimedjati l-problemi li bħalissa qed jiġu ffaċċjati f'dan il-qasam, fejn huwa tal-akbar importanza li tittieħed azzjoni u li jitħejjew it-tibdiliet filwaqt li ma tintesiex is-sitwazzjoni tal-minuri, il-familji u l-aħjar interessi tagħhom.

L-effiċjenza tal-proċedimenti tittejjeb, fir-rigward tal-proċedura tar-ritorn tal-minuri, billi jitnaqqas in-numru ta' livelli ta' appell, tiġi stipulata l-infurzabbiltà provviżorja ta' deċiżjonijiet fejn xieraq, billi jiġu definiti r-rwol u d-dmirijiet tal-Awtoritajiet Ċentrali b'mod aktar ċar filwaqt li l-Istati Membri jiġu obbligati jikkonċentraw il-ġurisdizzjoni f'numru limitat ta' qrati b'mod koerenti mal-istrutturi tas-sistema ġuridika rispettiva tagħhom. Għal deċiżjonijiet ta' kollokament, id-dewmien fil-kisba tal-kunsens se jitnaqqas billi tiġi stabbilita proċedura awtonoma ta' kunsens u permezz ta' limitu ta' żmien (massimu ta' tmien ġimgħat minflok is-sitt (6) xhur jew aktar ta' bħalissa) sabiex l-Istat Membru li ssirlu t-talba jirrispondi għat-talba. Fir-rigward tar-rikonoxximent u l-infurzar, dewmien li jirrigwarda l-kisba tal-*exequatur* (li tista' tieħu bosta xhur) se jiġi eliminat. Billi s-salvagwardji (raġunijiet għan-nuqqas ta' rikonoxximent jew oġġezzjonijiet għall-infurzar innifsu jew għal miżuri speċifiċi ta' infurzar) jiġu invokati b'mod konġunt mill-konvenut fl-istadju tal-infurzar, it-tul kumplessiv tal-proċedimenti jitqassar. B'mod simili, l-għażla preferuta tnaqqas id-dewmien

(f'ċerti każijiet ta' aktar minn sena) matul l-infurzar innifsu billi tistabbilixxi tul ta' żmien massimu ta' sitt xhur. Fl-aħħar nett, il-kjarifika tar-rwol tal-Awtoritajiet Ċentrali b'mod ġenerali se tnaqqas id-dewmien fil-kooperazzjoni reċiproka tagħhom.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Li jsir rikors għat-teknika ġuridika ta' riformulazzjoni, jiġifieri t-titjib tal-funzjonament operazzjonali tal-istrument billi dan isir aktar ċar u aktar komplut flimkien ma' simplifikazzjoni u titjib tal-effiċjenza, jikkontribwixxi wkoll għall-idoneità regolatorja. B'mod partikolari, li tiġi stabbilita proċedura awtonoma ta' kunsens u limitu ta' żmien sabiex l-Istat Membru li ssirlu t-talba jirrispondi għaliha se jqassar iż-żmien sabiex jinkiseb il-kunsens fil-proċeduri ta' kollokament sa massimu ta' tmien (8) ġimgħat minflok is-sitt (6) xhur jew aktar ta' bħalissa. Bl-abolizzjoni proposta tal-*exequatur*, jiġu eliminati d-dewmien (li jieħu sa bosta xhur) u l-ispejjeż (sa EUR 4 000) sabiex jinkiseb. Il-proċedura emendata proposta għar-ritorn tat-tfal fil-każ ta' ħtif tnaqqas l-ispejjeż tal-pariri ġuridiċi speċjalizzati għall-ġenituri (bejn EUR 1 000 u 4 000)[29].

- **Drittijiet fundamentali**

L-elementi kollha tar-riforma jirrispettaw id-drittijiet stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, b'mod partikolari d-dritt għal rimedju effettiv u d-dritt għal proċess ġust iggarantit fl-Artikolu 47 tagħha. Fid-dawl tas-suġġett tar-Regolament, b'mod partikolari r-relazzjoni bejn il-ġenituri u t-tfal tagħhom, l-għażliet ta' politika preferuti għall-kwistjonijiet tar-responsabbiltà tal-ġenituri se jsaħħu d-dritt tar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja (l-Artikolu 7). Fl-aħħar nett, it-tibdiliet proposti se jsaħħu d-drittijiet tat-tfal (l-Artikolu 24) u jkomplu jallinjaw ir-Regolament aktar mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal billi jorbtu d-dispożizzjonijiet aktar mill-qrib magħha.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta tikkawża spejjeż ta' konformità relattivament modesti. L-abolizzjoni tal-*exequatur* u l-konċentrazzjoni tal-ġurisdizzjoni jirrikjedu lill-Istati Membri sabiex iġorru spejjeż għat-taħriġ sabiex jiffamiljarizzaw lill-professjoni ġuridika mal-proċeduri l-ġodda previsti. Madankollu, it-taħriġ huwa diġà neċessarju mil-lum. Minbarra dan, billi r-Regolament jipprevedi konċentrazzjoni tal-ġurisdizzjoni fil-futur, se jkun jenħtieġ li jiġu mħarrġa anqas imħallfin. Min-naħa l-oħra, l-esperjenza fl-Istati Membri li għandhom ġurisdizzjoni kkonċentrata turi li l-imħallfin li jisimgħu aktar każijiet ta' sekwestru tal-minuri huwa aktar probabbli li jieħdu sehem fit-taħriġ li jiġi offrut, u d-deċiżjonijiet minn dawk il-qrati ġenerali speċjalizzati u ta' esperjenza huma appellati anqas ta' sikwit, u dan jiġġenera ffrankar fl-ispejjeż fil-każijiet individwali u għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja b'mod ġenerali. L-Istati Membri huma wkoll diġa obbligati jaħtru u jiżguraw il-funzjonament xieraq tal-Awtoritajiet Ċentrali tagħhom biex jippermettu li dawn iwettqu l-obbligi assenjati lilhom skont dan ir-Regolament. Kjarifiki ulterjuri tal-kompiti tagħhom jistgħu jiġġeneraw kostijiet addizzjonali (b'mod partikulari għar-riżorsi umani) għal xi Stati Membri jekk l-Awtoritajiet Ċentrali tagħhom għadhom mhumiex ippreparati biżżejjed.

Il-bidliet l-oħra previsti jikkostitwixxu bidliet pjuttost sempliċi għar-regoli eżistenti li ma jeħtiġux il-ħolqien ta' proċeduri ġodda u għandhom ikunu jistgħu jiġu applikati mill-awtoritajiet mingħajr il-ħtieġa ta' taħriġ speċjali.

[29] Il-Valutazzjoni tal-Impatt, p. 61.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Sabiex isir monitoraġġ tal-applikazzjoni effettiva tar-Regolament emendat, se jkun hemm rappurtar u evalwazzjoni *ex post* regolari mill-Kummissjoni, appoġġati minn konsultazzjonijiet mal-Istati Membri, partijiet ikkonċernati u esperti esterni. Se jiġu organizzati wkoll laqgħat regolari tal-esperti biex jiġu diskussi problemi ta' applikazzjoni u jsiru skambji tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri fil-qafas tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali. Il-kooperazzjoni ma' dan tal-aħħar se tkun partikolarment utli sabiex tiġi fformulata l-ħtieġa għall-ġbir ta' dejta speċifika sabiex kull proposta futura tkun ibbażata fuq evidenza statistika.

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Introduzzjoni ta' miżuri li jżidu l-effiċjenza u jtejbu l-funzjonament tal-"mekkaniżmu prevalenti"

Bosta modifiki sostanzjali huma proposti bil-għan li tittejjeb l-effiċjenza tar-ritorn ta' minuri sekwestrati u l-problemi relatati mal-kumplessità tal-"mekkaniżmu prevalenti" skont ir-Regolament.

L-ewwel nett, il-proposta tiċċara l-limiti ta' żmien għall-ħruġ ta' ordni ta' ritorn infurzabbli skont il-fehma prevalenti fost dawk l-Istati Membri li jittrattaw il-każijiet ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 l-aktar malajr. Limitu ta' żmien separat ta' sitt ġimgħat ikun japplika għall-proċedimenti quddiem il-qorti ġenerali u l-qorti tal-appell, rispettivament. Barra minn hekk, il-proposta tobbliga lill-Awtoritajiet Ċentrali biex jaħdmu wkoll b'limitu ta' żmien ta' sitt ġimgħat sabiex jirċievu u jipproċessaw l-applikazzjoni; jillokalizzaw il-konvenuti u l-minuri; jippromwovu l-medjazzjoni filwaqt li jiżguraw li dan ma jdewwimx il-proċedimenti, u jirreferu r-rikorrent għand avukat kwalifikat jew jiffajljaw il-każ mal-qorti (skont is-sistema ġuridika nazzjonali). Bħalissa ma jeżisti l-ebda limitu ta' żmien għall-Awtoritajiet Ċentrali. Din l-iskadenza l-ġdida 6+6+6 għalhekk tipprevedi perjodu massimu ta' 18-il ġimgħa għall-istadji kollha possibbli minflok proċedimenti medji li daż-żmien jieħdu sa 165 jum[30]. Dan irendi l-limitu ta' żmien għall-qrati aktar realistiku bil-għan tal-ħarsien tad-dritt tal-konvenut għal proċess ġust filwaqt li tillimitah għall-aqsar perjodu realistikament possibbli.

Barra minn hekk, il-miżuri proposti jinkludu obbligu għall-Istati Membri sabiex jikkonċentraw il-ġurisdizzjoni għall-każijiet ta' sekwestru ta' minuri f'numru limitat ta' qrati filwaqt li jirrispettaw l-istruttura tas-sistema ġuridika kkonċernata. Dan jiżgura li l-imħallfin ta' esperjenza f'dan it-tip speċifiku ħafna ta' proċedura jiddeċiedu fuq l-applikazzjonijiet ta' ritorn.

Il-proposta tillimita n-numru ta' possibilitajiet biex tiġi appellata deċiżjoni dwar ir-ritorn għal waħda biss u espliċitament tistieden lill-imħallef biex jikkunsidra jekk deċiżjoni li tordna r-ritorn għandhiex tkun provviżorjament infurzabbli.

---

[30] Analiżi statistika tal-applikazzjonijiet li saru fl-2008 skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri - Parti II - Rapport Reġjonali, Prel. Dok. Nru 8 B - aġġornament ta' Novembru 2011 għall-attenzjoni tal-Kummissjoni Speċjali ta' Ġunju 2011, p. 10-12 tinsab hawn: https://assets.hcch.net/upload/wop/abduct2011pd08be.pdf.

Barra minn hekk, il-proposta fiha numru ta' kjarifiki sabiex jiġu implimentati aħjar ir-regoli kurrenti: hija tobbliga lill-Istat Membru fejn il-minuri jkunu abitwalment residenti immedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma inġusta biex iwettaq eżami bir-reqqa tal-aħjar interessi tal-minuri qabel ma tittieħed deċiżjoni finali dwar il-kustodja, li possibilment timplika r-ritorn tal-minuri. F'dan il-kuntest, meta jitwettaq dan l-eżami tal-aħjar interessi tal-minuri, it-tfal kollha li huma kapaċi jiffurmaw l-ideat tagħhom stess għandhom id-dritt li jinstemgħu, ukoll jekk ma jkunux fiżikament preżenti, bl-użu ta' mezzi alternattivi bħall-vidjokonferenzi kif xieraq.

Il-kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Ċentrali jew komunikazzjoni diretta minn imħallef mal-qorti rilevanti fl-Istat Membru tal-oriġini għandhom ikunu ffaċilitati sabiex jinkiseb aċċess għal miżuri ("arranġamenti adegwati") stabbiliti fl-Istat Membru li lejh għandhom jiġi rritornati l-minuri.

Meta l-minuri jistgħu jkunu f'riskju gravi ta' ħsara jew jistgħu jkunu b'xi mod ieħor imqiegħda f'sitwazzjoni intollerabbli jekk jiġu rritornati lejn il-pajjiż tar-residenza abitwali tal-minuri mingħajr salvagwardji, għandu jkun ukoll possibbli għall-qorti tal-Istat Membru tar-rifuġju li jordna l-miżuri protettivi urġenti meħtieġa hemm u li, jekk ikun neċessarju, jistgħu wkoll "jivvjaġġaw mal-minuri" lejn l-Istat tar-residenza abitwali fejn tkun trid tittieħed deċiżjoni finali dwar is-sustanza. Miżura urġenti bħal din tkun rikonoxxuta b'mod leġittimu fl-Istat Membru fejn il-minuri kienu abitwalment residenti immedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma inġusta iżda tiskadi hekk kif il-qrati ta' dak l-Istat ikunu ħadu l-miżuri mitluba mis-sitwazzjoni. Pereżempju, il-qorti li jkun hemm proċedimenti ta' ritorn pendenti quddiemha se tkun tista' tagħti drittijiet ta' aċċess lil wieħed mill-ġenituri li se jkunu infurzabbli wkoll fl-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-minuri sakemm il-qorti ta' dak il-pajjiż tieħu deċiżjoni finali fir-rigward tal-aċċess ta' minuri.

Il-ħolqien ta' proċedura awtonoma ta' kunsens li għandha tiġi applikata għall-kollokamenti transfruntieri kollha, akkumpanjata minn limitu ta' żmien ta' tmien ġimgħat sabiex l-Istat Membru li ssirlu t-talba jirrispondi għat-talba.

Il-proposta li tirrigwarda l-kollokamenti transfruntieri tipprevedi l-introduzzjoni tar-regoli ġodda li ġejjin:

- Li l-kunsens tal-Istat riċeventi jsir obbligatorju għall-kollokamenti transfruntieri kollha li joriġinaw minn qorti jew awtorità fi Stat Membru
- Li jiġu introdotti rekwiżiti uniformi għad-dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati mat-talba għall-kunsens: l-awtorità li tagħmel it-talba għandha tippreżenta rapport dwar il-minuri u tippreżenta r-raġunijiet għall-kollokament transfruntier li jkun qed jiġi kkunsidrat
- Li tiġi introdotta regola dwar ir-rekwiżiti tat-traduzzjoni: it-talba għandha tkun akkumpanjata minn traduzzjoni fl-ilsien tal-Istat Membru li ssirlu t-talba
- Li t-talbiet kollha jiġu diretti permezz ta' Awtoritajiet Ċentrali
- Li jiġi introdott limitu ta' żmien ta' tmien ġimgħat sabiex l-Istat li ssirlu t-talba jiddeċiedi dwar it-talba.

Abolizzjoni tal-exequatur b'salvagwardji xierqa li għandhom jiġu invokati fl-istadju tal-infurzar, jiġifieri biex issir oġġezzjoni għar-rikonoxximent jew l-infurzar tad-deċiżjoni mogħtija mill-Istat tal-oriġini jew biex issir oġġezzjoni għal miżuri ta' infurzar konkreti

ordnati mill-Istat fejn ikun qed jintalab l-infurzar, fl-istess proċedura fl-Istat fejn ikun qed intalab l-infurzar.

Illum, il-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-livell ta' fiduċja fost l-Istati Membri waslu għal livell ta' maturità li jippermetti bidla għal sistema aktar sempliċi u li tiswa inqas ta' ċirkulazzjoni tad-deċiżjonijiet, u li tneħħi l-formalitajiet eżistenti fost l-Istati Membri. Din l-abolizzjoni tal-*exequatur* diġà ġiet realizzata f'numru ta' oqsma, inkluż fil-qasam tal-liġi tal-familja (id-drittijiet ta' aċċess, ċerti ordnijiet ta' ritorn, obbligi ta' manteniment). Bħala bidla sostanzjali, il-proposta għalhekk tabolixxi l-proċedura tal-*exequatur* għad-deċiżjonijiet kollha koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. L-abolizzjoni tal-*exequatur* se tkun akkumpanjata minn salvagwardji proċedurali li jiżguraw li d-dritt tal-konvenut għal rimedju effettiv u d-dritt ta' proċess ġust, kif inhuma garantiti mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, jiġu mħarsa b'mod adegwat. L-abolizzjoni tal-exequatur tippermetti li ċ-ċittadini Ewropej involuti f'litigazzjoni transfruntiera jfaddlu parti kbira mill-kostijiet attwali tal-proċedura tagħhom (medja ta' EUR 2 200 li għandhom jitħallsu għall-ipproċessar tal-applikazzjoni) u jeliminaw dewmien, li f'ċertu każijiet jammonta għal numru ta' xhur.

Il-ġenitur konvenut ikollu rimedji għad-dispożizzjoni tiegħu li bihom, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, ikun jista' jwaqqaf deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru wieħed milli tieħu effett fi Stat Membru ieħor: Fejn hemm tħassib li xi raġunijiet għan-nuqqas ta' rikonoxximent jew xi raġunijiet għal oġġezzjonijiet kontra miżuri konkreti ta' infurzar jistgħu jkunu japplikaw, il-konvenut jista' jagħmel applikazzjoni sabiex joġġezzjona għar-rikonoxximent u/jew l-infurzar fl-Istat Membru tal-infurzar fl-istess proċedura.

Il-proposta tinkludi regoli uniformi sabiex jiġi definit f'liema sitwazzjonijiet tista' ssir oġġezzjoni mhux biss għall-infurzabbiltà transfruntiera imma wkoll għall-infurzar innifsu. Dawn ir-regoli tal-aħħar ikunu jirregolaw, pereżempju, is-sitwazzjoni fejn ikun iseħħ tibdil fiċ-ċirkostanzi. Barra minn hekk, ir-regoli jistabbilixxu b'mod unifikat sitwazzjonijiet fejn il-minuri jopponu l-infurzar jew l-infurzar ma jkunx jista' jseħħ minħabba ostakli fattwali temporanji.

B'hekk jiġu ffrankati ż-żmien u l-ispejjeż tal-proċedura ta' *exequatur* filwaqt li tibqa' żgurata l-protezzjoni meħtieġa għall-konvenuti.

Kif inhu diġà l-każ skont ir-Regolament eżistenti, il-proposta fiha wkoll sensiela ta' ċertifikati standard li għandhom l-għan li jiffaċilitaw ir-rikonoxximent jew l-infurzar tad-deċiżjoni barranija fin-nuqqas tal-proċedura tal-*exequatur*. Dawn iċ-ċertifikati se jiffaċilitaw l-infurzar tad-deċiżjoni mill-awtoritajiet kompetenti u jnaqqsu l-ħtieġa għal traduzzjoni tad-deċiżjoni.

Introduzzjoni tal-obbligu li l-minuri jingħataw l-opportunità li jesprimu l-ideat tagħhom.

Il-proposta ma tmissx ir-regoli u l-prattiki tal-Istati Membri dwar kif jinstemgħu l-minuri, iżda tirrikjedi rikonoxximent reċiproku bejn is-sistemi ġuridiċi. Dan ifisser li l-obbligu li l-minuri li jkunu kapaċi jiffurmaw l-ideat tagħhom jingħataw l-opportunità li jesprimu dawn l-ideat isir espliċitu fir-Regolament, fid-dawl tal-fatt li l-Istati Membri kollha rratifikaw il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal li diġà tobbligahom biex jisimgħu lill-minuri, li jissodisfa l-kundizzjoni msemmija hawn fuq fil-proċedimenti domestiċi u transfruntieri kollha li jirrigwardawhom. B'mod partikolari, issir distinzjoni, kif inhuwa l-każ fl-Artikolu rispettiv tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, bejn il-mistoqsija meta jenħtieġ li l-minuri jingħataw l-opportunità li jinstemgħu fuq naħa waħda (jiġifieri meta jkunu kapaċi jiffurmaw/jesprimu l-ideat tagħhom) u min-naħa l-oħra l-mistoqsija ta' x'piż l-imħallef għandu

jagħti lill-ideat tal-minuri (li jiddependi fuq l-età u l-maturità tal-minuri). Din id-distinzjoni għandha tiġi rreġistrata fid-deċiżjoni u f'ċertifikat anness magħha. Għal ġenitur li jfittex rikonoxximent ta' deċiżjoni dwar Stat Membru ieħor, dan ifisser li qorti f'dak il-pajjiż ma tirrifjutax li tirrikonoxxiha fuq is-sempliċi fatt li smigħ tal-minuri f'pajjiż ieħor sar b'mod differenti meta mqabbel mal-istandards applikati minn dik il-qorti.

Introduzzjoni ta' miżuri mmirati għat-titjib tal-effiċjenza tal-infurzar fil-prattika

Sabiex tiġi indirizzata l-problema tal-infurzar ineffiċjenti, il-proposta tintroduċi bosta miżuri. Hija tistipula li l-applikazzjoni għall-infurzar trid issir lil qorti fl-Istat Membru tal-infurzar iżda tħalli l-proċedura b'mod ġenerali, il-mezz tal-infurzar u l-modalitajiet tagħhom f'idejn l-Istat Membru tal-infurzar, pereżempju liema miżuri speċifiċi ta' infurzar għandhom jiġu ordnati u f'liema ċirkustanzi. Meta deċiżjoni minn Stat Membru ieħor tkun teħtieġ li tiġi ddettaljata jew adattata aktar sabiex tiġi infurzata fil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru tal-infurzar, il-qorti kompetenti ta' dak l-Istat Membru għandha tagħmel l-ispeċifikazzjonijiet jew l-adattamenti neċessarji filwaqt li tirrispetta l-elementi essenzjali tad-deċiżjoni.

Parti li toġġezzjoni għall-infurzar ta' deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru ieħor għandha, sa fejn possibbli u f'konformità mas-sistema ġuridika tal-Istat Membru indirizzat, tkun tista' tinvoka, fl-istess proċedura, minbarra r-raġunijiet għar-rifjut tar-rikonoxximent, ir-raġunijiet għar-rifjut kontra l-infurzar bħala tali. L-inkompatibilità mal-aħjar interessi tal-minuri li tkun ġiet ikkawżata minn bidla fiċ-ċirkostanzi (bħal mard serju ta' minuri) jew mis-saħħa tal-oġġezzjonijiet ta' minuri ta' età u maturità suffiċjenti għandha titqies biss jekk tilħaq importanza komparabbli mal-eċċezzjoni tal-politika pubblika.

Il-proposta tipprevedi wkoll limitu ta' żmien indikattiv għall-infurzar fil-prattika tad-deċizjoni. Fil-każ li l-infurzar ma jkunx seħħ wara li jkunu għaddew sitt (6) ġimgħat mill-mument li jkunu nbdew il-proċedimenti tal-infurzar, il-qorti tal-Istat Membru tal-infurzar ikollha tinforma lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat Membru tal-oriġini (jew ir-rikorrent, jekk il-proċedimenti jkunu tmexxew mingħajr l-assistenza ta' Awtorità Ċentrali) dwar dan il-fatt u dwar ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' infurzar fil-waqt.

Il-proposta tistipula wkoll li l-qorti tal-oriġini tista' tiddikjara deċiżjoni bħala provviżorjament infurzabbli saħansitra jekk din il-possibilità ma tkunx teżisti fil-liġi nazzjonali tagħha. Dan huwa utli f'sistemi fejn id-deċiżjoni tkun għadha mhix infurzabbli sakemm tkun għadha soġġetta għal appell. B'riżultat ta' dan, ġenitur ikun jista' jkollu aċċess għall-minuri fuq il-bażi ta' deċiżjoni li ġiet dikjarata infurzabbli b'mod provviżorju filwaqt li l-proċedimenti tal-appell li jikkonċernaw dik id-deċiżjoni jitwettqu fuq talba mill-ġenitur l-ieħor.

Kjarifika tad-dmirijiet tal-Awtoritajiet Ċentrali u tal-awtoritajiet l-oħra li ssirilhom it-talba flimkien ma' żieda ta' artikolu dwar ir-riżorsi adegwati

Il-proposta tiċċara l-aspetti li ġejjin: (1) min jista' jitlob (2) liema informazzjoni (3) mingħand min u (4) b'liema kundizzjonijiet. Tagħmilha ċara li l-qrati u l-awtoritajiet tal-benesseri tal-minuriwukoll jistgħu jitolbu l-għajnuna tal-Awtoritajiet Ċentrali. Barra minn hekk, fir-rigward tat-trażmissjoni tar-rapporti soċjali, id-dispożizzjoni tiċċara biex tkopri wkoll ir-rapporti dwar l-adulti jew l-aħwa li jkunu ta' rilevanza fi proċedimenti relatati mal-minuri skont ir-Regolament jekk is-sitwazzjoni tal-minuri tkun titlob dan. Dan jagħmilha ċara li din hija (għall-qrati) alternattiva li ma tinvolvix spejjeż (għajr għal spejjeż possibbli tat-traduzzjoni) għar-Regolament tal-Evidenza u toħloq bażi ġuridika għall-awtoritajiet tal-benesseri tal-minuri biex jiksbu l-informazzjoni neċessarja mingħand l-Istati Membri l-oħra

permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali. It-talba għandha tkun akkumpanjata minn traduzzjoni fl-ilsien tal-Istat li ssirlu t-talba. Bl-istess mod, il-proposta tistabbilixxi xi rekwiżiti minimi għal talba għal rapport soċjali, jiġifieri deskrizzjoni tal-proċedimenti li għalihom ikun meħtieġ u s-sitwazzjoni fattwali li wasslet għal dawk il-proċedimenti. Il-proposta tistabbilixxi limitu ta' żmien għall-awtorità li ssirilha t-talba biex tirrispondi. Fir-rigward tal-awtorità nazzjonali rikjesta, pereżempju meta jintalab rapport soċjali , ir-Regolament jagħmilha ċara li l-awtorità rikjesta għandha obbligu awtonomu maħluq mir-Regolament li tipprovdi dan ir-rapport, mingħajr ma jkollu jiġi ssodifat l-ebda rekwiżit addizzjonali eżistenti skont il-liġi nazzjonali tal-Istat rikjest. Pereżempju, qorti fi Stat Membru, qabel ma tieħu deċiżjoni dwar tqegħid ta' minuri, li jkun attwalment preżenti fil-ġurisdizzjoni tagħha, fil-kura, tista' tingħata informazzjoni permezz tal-mezzi tal-Awtorità Ċentrali dwar jekk hemmx proċedimenti pendenti f'pajjiż ieħor u titlob kopji ta' kwalunkwe deċiżjoni li tordna miżuri protettivi għal minuri oħrajn mill-istess familja, u kwalunkwe rapport soċjali dwar l-aħwa u r-relazzjoni tagħhom ma' xulxin, jew dwar il-ġenitur, li jkunu ta' rilevanza għall-proċedimenti pendenti.

Barra minn hekk, il-proposta tiddikjara li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Awtoritajiet Ċentrali jkollhom riżorsi finanzjarji u umani adegwati li jippermettulhom iwettqu l-obbligi assenjati lilhom skont dan ir-Regolament.

Il-proposta ma fihiex bidliet fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u tal-kwistjonijiet matrimonjali li għalihom jinżamm l-i*status quo*. Dan ifisser li l-Kapitolu I (bl-eċċezzjoni ta' sempliċi kjarifiki fid-definizzjonijiet) u l-Kapitolu II Taqsima 1 (għajr għall-kjarifika tal-Artikoli 6 u 7) bqagħu mhux mibdula.

B'konsegwenza ta' dan , il-konjuġi fi żwieġ internazzjonali se jkompli jkollhom il-possibilità li jikkonsolidaw il-proċedimenti differenti kif previst fir-Regolament u fi strumenti oħra tal-liġi tal-familja (bħar-Regolament dwar il-Manteniment). Fl-istess ħin, il-flessibilità għall-konjuġi sabiex japplikaw għad-divorzju f'wieħed mill-fora indikati fir-Regolament se tinżamm. Konjuġi li ma għandhomx nazzjonalità komuni tal-UE u li jgħixu fi Stat terz iżda jżommu rabtiet ma' ċertu Stat Membru u jridu jiddivorzjaw se jkomplu jiddependu fuq ir-regoli nazzjonali sabiex ikollhom aċċess għall-qrati tal-UE jew ikollhom id-deċiżjoni (miksuba f'pajjiż terz) rikonoxxuta fl-UE.

Minbarra dan, l-Artikoli li ġejjin baqgħu mhux mibdula fit-tifsira ta' Riformulazzjoni: 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8(2), 9, 10, 11(1), (2), (3), (5), (7), 12(2), (4), 13,14, 15(1)-(5), 16, 17, 18, 19, 20(2), 21(1), (2), (4), 22, 23(a), (c)-(f), 24, 25, 26, 27, 41(2), 42(2), 44, 48, 49, 51, 53, 54, 55(b)-(e), 56 (2), (3), 58, 59(1), 60(a)-(d), 63, 66, 67 (a), (b).

⬇ 2201/2003 (adattat)
⇨ ġdid

2016/0190 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar il-ġurisdizzjoni~~u,~~ ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' ~~sentenzi~~ ⌦ deċiżjonijiet ⌫ fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri~~, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000~~ ⌦ u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri (riformulazzjoni) ⌫

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej ⌦ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌫ , u partikolarment ~~l-Artikolu 61(ċ) u~~ l-Artikolu ~~67(1)~~ ⌦ 81(3) ⌫ tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta ~~mressqa~~ mill-Kummissjoni ⌦ Ewropea ⌫[31],

⇨Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali, ⇦

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-l-Parlament Ewropew[32];,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[33],

Filwaqt li jaġixxi bi proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

⇩ ġdid

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003[34] ġie emendat b'mod sostanzjali[35]. Billi għandhom isiru iżjed emendi, dan ir-Regolament għandu jiġi riformulat fl-interess taċ-ċarezza.

(2) Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli uniformi ta' ġurisdizzjoni għad-divorzju, għas-separazzjoni u għall-annullament taż-żwieġ kif ukoll regoli għal tilwim dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri b'element internazzjonali. Jiffaċilita ċ-ċirkulazzjoni libera tad-deċiżjonijiet fl-Unjoni billi jistipula dispożizzjonijiet dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar tagħhom fi Stati Membri oħrajn.

[31] ĠU C […], […], p. […].
[32] ĠU C […], […], p. […].
[33] ĠU C […], […], p. […].
[34] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU L 338, 23.12.2003, p. 1)..
[35] Ara l-Anness V.

🡻 2201/2003 premessa 1 (adattat)
⇨ ġdid

(3) ⇨Il-funzjonament korrett u bla xkiel ta’ spazju ta’ ġustizzja tal-Unjoni b’rispett għas-sistemi ġuridiċi u għat-tradizzjonijiet differenti tal-Istati Membri huwa essenzjali għall-Unjoni. F’dan ir-rigward, il-fiduċja reċiproka fis-sistemi ta’ ġustizzja ta’ xulxin għandha tkompli tittejjeb. ⇦ ~~Il-Komunitajiet Ewropej~~ ⌦ L-Unjoni ⌫ iffissatw l-oġġettiv ⌦ lilha nnifisha ⌫ li tjoħeloqu ⌦ , iżżomm u tiżviluppa ⌫ żona ta' libertà, siggurtà u ġustizzja, li fiha l-moviment liberu tal-persuni ⌦ u l-aċċess għall-ġustizzja jkunu ⌫ ~~huwa~~ assigurati. ⇨Bil-għan li jiġu implimentati dawn l-oġġettivi, id-drittijiet tal-persuni, speċjalment it-tfal, fi proċedimenti ġuridiċi għandhom jissaħħew sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi u l-infurzar tad-deċiżjonijiet fi kwistjonijiet tal-liġi tal-familja b’implikazzjonijiet transfruntiera. Ir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ċivili għandhom jittejbu, l-aċċess għall-ġustizzja għandu jiġi ssimplifikat u l-iskambji ta’ informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri għanhom jitjiebu. ⇦

(4) Għal dan il-għan, ~~il-Komunità~~ ⌦ l-Unjoni ⌫ għandha taddotta, fost affarijiet oħra, miżuri fl-oqsma ta' koperazzjoni ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili ⇨ li jkollhom implikazzjonijiet transfruntiera, speċjalment meta jkun ⇦ ~~li huma~~ neċessarjui għżat-tħaddim kif suppost tas-suq intern.

⇩ ġdid

(5) Sabiex jinkiseb l-objettiv taċ-ċirkolazzjoni libera ta’ deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta’ responsabbiltà tal-ġenituri, huwa neċessarju u xieraq li r-regoli li jmexxu l-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet jitmexxew minn strument ġuridiku tal-Unjoni li jkun vinkolanti u applikabbli direttament.

🡻 2201/2003 premessa 2 (adattat)

~~Il-Kunsill Ewropew ta' Tampere ndorsja l-prinċipju tar- rikonoxximent reċiproku ta' deċizjonijiet ġudizzjarji bħala bażi għall-ħolqien ta' żona ġuridika ġenwina, u identifikat id-dritt taż- żjara bħala prijorità.~~

🡻 2201/2003 premessa 3 (adattat)

~~Il-Regolament ta' l-Kunsill (KE) Nru 1347/2000[36] jistabbilixxi r-regoli dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u fi kwistjonijiet dwar ir-responsabbilità ta' l-ġenituri għall-minuri taż-żewġ konjuġi fl-okkażjoni ta' l-proċedimenti matrimonjali. Il-kontenut ta' dan ir-Regolament ġie sostanzjalment meħud mill-Konvenzjoni tat-28 ta' Mejju 1998 dwar l-istess suġġett[37]~~

36 ~~(ĠU L 160, tat-30.6.2000, p. 19).~~

37 ~~(Waqt iż-żmien tal-ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE) 1347/2000 il-Kunsill ħa nota tar-rapport spjegatorju konċernanti dik il-Konvenzjoni ppreparat minn Professur Alegria Borras (ĠU C 221, tas-16.7.1998, p. 27)).~~

↓ 2201/2003 premessa 4 (adattat)

~~Fit-3 ta' Lulju 2000 Franza ppreżentat inizjattiva għall-Regolament ta' l-Kunsill dwar l-infurzar reċiproku ta' sentenzi dwar id-drittijiet ta' aċċess għal minuri[38]~~

↓ 2201/2003 premessa 5 (adattat)
⇨ ġdid

(6) Sabiex l-ugwaljanza għall-minuri kollha tkun assigurata, dan ir-Regolament ⌦ għandu ⌫ jikopri d-deċiżjonijiet kollha dwar ir-responsabbilità tal-ġenituri, inklużi l-miżuri ta' protezzjoni għall-minuri, indipendentement minn xi konnessjoni ma' xi proċediment~~ura~~ matrimonjali ⇨ jew xi proċediment ieħor ⇦ .

↓ 2201/2003 premessa 6 (adattat)

(7) Ladarba l-applikazzjoni tar-regoli dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri ta' sikwit titfaċċa fil-kuntest ta' proċedimenti matrimonjali, ⌦ madankollu, ⌫ ikun aktar xieraq li jkun hemm strument wieħed għall-kwistjonijiet ta' divorzju u r-responsabbilità tal-ġenituri.

↓ 2201/2003 premessa 7 (adattat)

~~L-iskop ta' dan ir-Regolament ikopri kwistjonijiet ċivili, tkun x'tkun in-natura ta' l-qorti jew tribunal.~~

↓ 2201/2003 premessa 8 (adattat)

(8) Fir-rigward ta' ~~sentenzi~~ ⌦ deċiżjonijiet ⌫ dwar divorzju, is-separazzjoni legali jew l-annullament taż-żwieg, dan ir-Regolament għandu japplika biss għax-xoljiment tar-rabtiet matrimonjali u ma għandux jittratta ma' kwistjonijiet bħal raġunijiet għal divorzju, il-proprjetà bħala konsegwenza taż-żwieg jew kwalunkwe~~siasi~~ miżura~~i~~ oħra anċillari.

↓ 2201/2003 premessa 9 (adattat)

(9) Fir-rigward tal-proprjetà tal-minuri, dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-miżuri għall-protezzjoni tal-minuri, ~~i.e. (i) i~~ ⌦ jiġifieri ⌫ n-nomina u l-funzjonijiet ta' persuna jew korp li għandu l-karigu tal-proprjetà tal-minuri, li jirrapreżenta jew li jgħin lill-minuri, u ~~(ii)~~ l-amministrazzjoni, il-konservazzjoni, jew il-ħelsien tal-proprjetà tal-minuri. F'dan il-kuntest, dan ir-Regolament għandu, pereżempju, japplika f'każijiet fejn ~~il-ġenituri qegħdin jargumentaw fir-rigward ta' l-amministrazzjoni ta'~~ ⌦ l-objettiv tal-proċedimenti huwa l-ħatra ta' persuna jew korp li jamministraw ⌫ il-proprjetà tal-minuri. Dawk il-m~~M~~iżuri relatati mal-proprjetà tal-minuri li ma jikkonċernawx il-protezzjoni tal-minuri għandhom ikomplu jiġu rregolati mir-~~Regolament ta' l-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi ta' l-qorti fi kwistjonijiet~~

[38] ~~(ĠU C 234, tal-15.8.2000, p. 7).~~

ċivili u kummerċjali[39] Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40].

↓ 2201/2003 premessa 10 (adattat)

(10) Dan il-Regolament mhuwiex maħsub biex japplika għall-kwistjonijiet ta' siġurtà soċjali, miżuri pubbliċi ta' natura ġenerali fi kwistjonijiet ta' edukazzjoni jew saħħa jew għall-deċiżjonijiet dwar id-dritt ta' l-ażil u dwar l-immigrazzjoni. Barra minn dan, huwa ma' għandux japplika għall-istabbiliment ta' l-paternità u l-maternità, peress li din hija kwistjoni differenti mill-attribuzzjoni tar-responsabbilità ta' l-ġenituri, u lanqas għall-kwistjonijiet oħra konnessi ma' l-istatus ta' l-persuni. Minbarra dan, m'għandux japplika għall-miżuri meħuda bħala riżultat ta' reati kriminali magħmula mill-minuri.

↓ 2201/2003 premessa 11 (adattat)

(11) L-obligazzjonijiet ta' manteniment huma esklużi mill-iskop ta' dan ir-Regolament peress li dawn ⌦ l-obbligazzjonijiet ⌫ huma diġà koperti mir-Regolament ta' l-Kunsill (KE) Nru 4/2009 44/2001[41]. Il-qrati ⌦ L-awtoritajiet ⌫ li għandhom il-ġurisdizzjoni taħt dan ir-Regolament ġeneralment għandhom il-ġurisdizzjoni biex jiddeċiedu dwar l-obbligġazzjonijiet ta' manteniment ⌦ ancillari ⌫ billi japplikaw il-punt (d) tal-Artikolu 3 5(2) ta' ⌦ dak ⌫ ir-Regolament ta' l-Kunsill Nru 44/2001.

⇩ ġdid

(12) Ir-Regolament għandu japplika għall-minuri kollha sa 18-il sena bħall-Konvenzjoni tal-Aja tad-19 ta' Ottubru 1996 dwar il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent l-Infurzar u l-Kooperazzjoni fir-Rigward tar-Responsabbiltà tal-Ġenituri u l-Miżuri għall-Protezzjoni tal-Minuri ("il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996"). Dan għandu jevita trikkib mal-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja tat-13 ta' Jannar 2000 dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti li tapplika mill-età ta' 18-il sena 'l quddiem. Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tas-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri ("il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980"), u konsegwentement anke l-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament li jirregola l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri, għandha tkompli tapplika għal minuri sal-età ta' 16-il sena.

[39] (ĠU L 12, tas-16.1.2001, p. 1). Regolament kif l-aħħar emendata mil Regolament tal-ta' l-Kummissjoni (KE) No 1496/2002 (ĠU L 225, tat-22.8.2002, p. 13)).

[40] Ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU :L 351, 20.12.2012, p. 1)

[41] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment (ĠU L 007, 10.1.2009,p. 1).

🡻 2201/2003 premessa 12 (adattat)
⇨ ġdid

(13) Ir-raġunijiet ta~~l~~-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbil~~i~~tà ta~~l~~-ġenituri ~~stabbiliti fir-Regolament preżenti~~ huma f_formati fi ħdan l-aqwa interessi għall-minuri ⇨ u għandhom jiġu applikati skont dawn. Kwalunkwe referenza għall-aħjar interessi tal-minuri għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Minuri tal-20 ta' Novembru 1989. ⇦

(14) ~~, u partikolarment dwar~~ ⌦ Sabiex tissalvagwardja l-aħjar interessi tal-minuri, il-ġurisdizzjoni għandha l-ewwel nett tiġi determinata skont ⌫ il-kriterju ta~~l~~-qrubija. ~~Dan ifisser li~~ ⌦ Konsegwentement, ⌫ il-ġurisdizzjoni għandha toqgħod ~~l-ewwelnett~~ ma~~l~~-Istat Membru tar-residenza abitwali ta~~l~~-minuri, ħlief għal ċerti każijiet fejn ⌦ ikun ⌫ hemm tibdil fir-residenza ta~~l~~-minuri jew skont ftehim bejn dawk il-ġenituri li huma d-detenturi tar-responsabilità.

⇩ ġdid

(15) Meta r-residenza abitwali tal-minuri tinbidel wara rilokazzjoni leġittima, il-ġurisdizzjoni għandha ssegwi l-minuri sabiex tibqa' qrib. Dan għandu japplika meta jkun għadu ma hemm l-ebda proċediment pendenti, u anke fi proċedimenti pendenti. Fi proċedimenti pendenti, madankollu, il-partijiet jistgħu jaqblu fl-interessi tal-effiċjenza tal-ġustizzja li l-qrati tal-Istat Membru fejn il-proċedimenti jkunu pendenti jkollhom ġurisdizzjoni sakemm tittieħed deċiżjoni finali, diment li dan ikun fl-aħjar interessi tal-minuri. Din il-possibbiltà hija ta' importanza partikulari meta l-proċedimenti jkunu qorbu l-konklużjoni tagħhom u ġenitur wieħed ikun jixtieq jimxi lejn Stat Membru ieħor mal-minuri.

(16) B'ċerti kundizzjonijiet u meta jkun fl-aħjar interessi tal-minuri, il-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri tista' anke tiġi stabbilita fi Stat Membru meta l-proċedimenti għal divorzju, separazzjoni legali jew annullament taż-żwieġ ikunu pendenti bejn il-ġenituri, jew fi Stat Membru ieħor li l-minuri jkollhom rabta sostanzjali miegħu u li fuqu jaqblu l-partijiet, anke jekk il-minuri ma jkunuxx residenti abitwali f'dak l-Istat Membru. Din il-ġurisdizzjoni, li hija eċċezzjoni għall-prinċipju tal-qrubija inkorporat fil-ġurisdizzjoni tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-minuri li ma jeżistix *perpetuatio fori* għalih, għandha tieqaf l-aktar tard hekk kif deċiżjoni f'dawk il-proċedimenti dwar kwistjonijiet tar-responsabbiltà tal-ġenituri issir finali, sabiex jiġi rispettat ir-rekwiżit tal-qrubija għal kull proċediment ġdid fil-futur.

🡻 2201/2003 premessa 16 (adattat)
⇨ ġdid

(17) Dan ir-Regolament m~~a~~ għandux jimpedixxi lill-~~qrati~~ ⌦ awtoritajiet ⌫ ta' xi Stat Membru ⌦ li ma għandux ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-każ ⌫ milli jieħdu miżuri proviżorji, inklu~~żż~~i dawk protettivi, f'każijiet urġenti, fir-rigward ~~ta'~~ tal-persun~~a~~i jew proprjetà ⇨ ta' minuri ⇦ li ~~tinstab~~ ⌦ jkunu preżenti ⌫ f'dak l-Istat ⌦ Membru ⌫ . ⇨Dawn il-miżuri għandhom jiġu rikonoxxuti u infurzati fl-Istati Membri kollha oħrajn inklużi l-Istati Membri li għandhom ġurisdizzjoni skont dan ir-Regolament sakemm

awtorità kompetenti ta' Stat Membru tkun ħadet il-miżuri li hija tqis xierqa. Madankollu, il-miżuri li tieħu qorti fi Stat Membru għandhom jiġu emendati jew sostitwiti biss minn miżuri meħudin ukoll minn qorti fl-Istat Membru li jkollha ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-każ. Awtorità li jkollha ġurisdizzjoni biss fuq miżuri proviżorji, inklużi dawk protettivi għandha, jekk titressaq applikazzjoni quddiemha dwar il-mertu tal-każ, tiddikjara fuq inizjattiva tagħha stess li ma għandha l-ebda ġurisdizzjoni. Sa fejn il-protezzjoni tal-aħjar interessi tal-minuri tkun tirrikjedi dan, l-awtorità għandha tinforma, direttament jew permezz tal-Awtorità Ċentrali, lill-awtorità tal-Istat Membru li jkollha ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-każ skont dan ir-Regolament dwar il-miżuri li jkunu ttieħdu. Madankollu, in-nuqqas milli jiġi infurmat Stat Membru ieħor ma għandux ikun bħala tali r-raġuni għan-nuqqas ta' rikonoxximent tal-miżura. ⇦

🡻 2201/2003 premessa 13 (adattat)
⇨ ġdid

(18) ⇨ F'każijiet eċċezzjonali, l-awtoritajiet tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-minuri jaf ma jkunux l-aktar awtoritajiet xierqa biex jittrattaw il-każ. ⇦ Fl-⌦ aħjar ⌫ interessi ta'l-minuri, ~~dan ir-Regolament jippermetti, permezz ta'~~ ⌦ bħala ⌫ eċċezzjoni u taħt ċerti kondizzjonijiet, ~~li~~ l- ⌦ awtorità ⌫ ~~qorti~~ li għandha l-ġurisdizzjoni tista' tittrasferixxi ⌦ l-ġurisdizzjoni tagħha f' ⌫ każ ⌦ speċifiku ⌫ għal ⌦ awtorità ⌫ ~~qorti~~ oħra ta' Stat Membru ⌦ ieħor ⌫ jekk din ⌦ l-awtorità ⌫ ~~il-qorti~~ hija f'pożizzjoni aħjar biex tisma' l-każ. Madankollu, f'dan il-każ it-tieni ~~qorti~~ ⌦ awtorità ⌫ ma' għandiex titħalla tittrasferixxi l-~~każ~~ ⌦ ġurisdizzjoni ⌫ għal ~~qorti~~ ⌦ awtorità ⌫ terza.

⇩ ġdid

(19) Kull meta ssir referenza għal "ġurisdizzjoni skont dan ir-Regolament" fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, din għandha tinkludi l-Artikoli minn 7 sa 14, jiġifieri anke l-ġurisdizzjoni residwali skont id-dritt nazzjonali kif permess mill-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament u l-ġurisdizzjoni stabbilita minn trasferiment ta' ġurisdizzjoni.

🡻 2201/2003 premessa 14 (adattat)

(20) Dan ir-Regolament għandu ~~jieħu effett~~ ⌦ jkun ⌫ mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta'l-liġi internazzjonali pubblika dwar l-immunità diplomatika. ~~Fejn taħt~~ ⌦ Meta skont ⌫ dan ir-Regolament ma tistax tiġi applikata l-ġurisdizzjoni minħabba l-~~eżistenza ta'~~ l-immunità diplomatika skontd il-liġi internazzjonali, il-ġurisdizzjoni għandha tiġi applikata skontd il-liġi nazzjonali ta'l-Istat Membru li fih il-persuna kkonċernanta ma tgawdix minn din l-immunità.

🡻 2201/2003 premessa 15 (adattat)

(21) ~~Ir-Regolament ta' l-Kunsill (KE) Nru 1348/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar in-notifika fl-Istati Membri tad-dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji f'materji ċivili~~

~~jew kummerċjal~~[42] Ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[43] għandu japplika għan-notifika ta' dokumenti fi proċedimenti mibdija skont~~d~~ dan ir-Regolament.

⇩ ġdid

(22) Jekk l-eżitu tal-proċedimenti quddiem awtorità ta' Stat Membru mingħajr ġurisdizzjoni skont dan ir-Regolament jiddependi fuq id-determinazzjoni ta' kwistjoni inċidentali li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, dik l-awtorità ma għandiex titwaqqaf minn dan ir-Regolament milli tiddetermina dik il-kwistjoni. Għaldaqstant, jekk l-objettiv tal-proċedimenti huwa, pereżempju, tilwima dwar suċċessjoni li fiha l-minuri jkun involut u jkun jeħtieġ li jinħatar gwardjan *ad litem* biex jirrappreżenta l-minuri f'dawn il-proċedimenti, l-awtorità li għandha ġurisdizzjoni għat-tilwima dwar suċċessjoni għandha titħalla taħtar il-gwardjan għall-proċedimenti pendenti quddiemha, kemm jekk ikollha ġurisdizzjoni għal kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri skont dan ir-Regolament kif ukoll jekk le. Tali determinazzjoni ta' kwistjoni inċidentali għandha tipproduċi biss effetti fil-proċedimenti inkwistjoni.

🡻 2201/2003 premessa 18

~~Fejn il-qorti ddeċidiet li ma tirritornax il-minuri skond l-Artikolu 13 ta' l-Konvenzjoni ta' l-Aja ta' l-1980, hija għandha tinforma l-qorti li għandha l-ġurisdizzjoni jew awtorità ċentrali fl-Istat Membru fejn il-minuri kienu abitwalment residenti qabel it-tneħħija jew iż-żamma ngusta. Kemm-il darba l-qorti f'dan l-aħħar Stat Membru ma ħaditx pussess ta' dan, din il-qorti jew l-awtorità ċentrali għandha tinnotifika l-partijiet. Din l-obligazzjoni m'għandhiex titħalla topponi l-awtorità ċentrali milli tinnotifika wkoll l-awtoritajiet rilevanti pubbliċi skond il-liġi nazzjonali.~~

🡻 2201/2003 premessa 19 (adattat)
⇨ ġdid

(23) ⇨Il-proċedimenti fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri skont dan ir-Regolament kif ukoll proċedimenti ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 għandhom jirrispettaw id-dritt tal-minuri li jesprimu l-ideat tagħhom liberament, u meta jiġu vvalutati l-aħjar interessi tal-minuri, għandu jingħata l-piż xieraq lil dawn l-ideat. ⇦ Is-smi~~e~~għ ta~~'~~l-minuri ⇨ skont l-Artikolu 24(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal ⇦ ~~tilgħab~~ ⌦ għandu ⌫ parti importanti fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament~~.~~, ~~għalkemm~~ D~~d~~an ~~l-instrument~~ ⌦ ir-Regolament, madankollu, ⌫ mhux maħsub sabiex ~~jimmodifika l-proċedimenti nazzjonali fejn applikabli~~ ⇨ jistabbilixxi kif jinstemgħu l-minuri, pereżempju, jekk il-minuri jinstemgħux mill-imħallef direttament jew minn espert imħarreġ apposta li jirraporta lill-qorti wara, jew jekk il-minuri jinstemgħux fl-awla tal-qorti jew f'post ieħor. ⇦

---

42 ~~(ĠU L 160, tat-30.6.2000, p. 37).~~

43 Ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000 (ĠU L 324, 10.12.2007, p. 79).

↓ 2201/2003 premessa 20 (adattat)

(24) Is-smigħ tal-minuri fi Stat Membru ieħor jista' jsir taħt ⌦ skont ⌫ arranġamenti stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 ~~tat-28 ta' Mejju 2001 dwar il-kooperazzjoni bejn il-qrati ta' l-Istati Membri fejn tittieħed ix-xiehda fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali~~[44] ⌦ , fejn applikabbli ⌫ .

↓ 2201/2003 premessa 17 (adattat)

(25) F'każijiet ta' tneħħija jew żamma inġusta ta' minuri, ir-ritorn tal-minuri għandu jinkiseb mingħajr dewmien, u għal dan il-għan għandha tkompli tapplika l-Konvenzjoni tal-Aja tal-~~' l-25 ta' Ottubru 1980~~ ⌦ 1980 ⌫ kif kumplementata mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, u partikolarment ~~l-Artikolu 11~~ il-Kapitolu III.

⇩ ġdid

(26) Sabiex jikkonludu l-proċedimenti ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 malajr kemm jista' jkun, l-Istati Membri għandhom jikkonċentraw il-ġurisdizzjoni għal dawn il-poċedimenti fuq qorti waħda jew aktar, filwaqt li jqisu l-istrutturi interni tagħhom għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja kif xieraq. Il-konċentrazzjoni tal-ġurisdizzjoni fuq għadd limitat ta' qrati fi Stat Membru hija għodda essenzjali u effettiva biex jitħaffef it-trattar ta' każijiet ta' sekwestru ta' minuri f'diversi Stati Membri minħabba l-imħallfin li jisimgħu għadd kbir minn dawn il-każi jiżviluppaw kompetenza partikulari. Skont l-istruttura tas-sistema ġuridika, il-ġurisdizzjoni għall-każijiet ta' sekwestru ta' minuri tista' tkun ikkonċentrata f'qorti waħda għall-pajjiż kollu jew f'għadd limitat ta' qrati, bl-użu, pereżempu, ta' għadd ta' qrati tal-appell bħala punt tat-tluq u li jikkonċentraw il-ġurisdizzjoni għall-każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri fuq qorti ġenerali f'kull distrett ta' qorti tal-appell. Kull qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha mhux aktar tard minn sitt ġimgħat mid-data li fiha jkunu tressqu r-rikors jew l-appell quddiemha. L-Istati Membri għandhom jillimitaw l-għadd ta' appelli possibbli kontra deċiżjoni li tippermetti jew li tirrifjuta r-ritorn ta' minuri skont il-Konvenzjoni dwar il-Ħtif ta' Minuri tal-1980 għal appell wieħed.

(27) Meta l-Awtoritajiet Ċentrali jniedu jew jiffaċilitaw l-istituzzjoni tal-proċedimenti tal-qorti għar-ritorn tal-minuri skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980, dawn għandhom jiżguraw li l-fajl imħejji bil-ħsieb ta' tali proċedimenti jkun komplut fi żmien sitt ġimgħat, ħlief meta ċirkustanzi eċċezzjonali. jagħmlu dan impossibbli Sabiex l-Awtorità Ċentrali tkun tista' tikkonforma ma' din l-iskadenza, l-Awtorità Ċentrali rikjedenti għandha tagħmel kuntatt mill-qrib mar-rikorrent u twieġeb għal kull talba għal informazzjoni addizzjonali jew dokumenti neqsin mill-Awtorità Ċentrali mingħajr dewmien.

(28) Fil-każijiet kollha rigward il-minuri, u b'mod partikulari f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri, l-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi għandhom iqisu

[44] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali (ĠU L 174, 27.6.2001, p. 1).

l-possibbiltà li jsibu soluzzjonijiet amikevoli permezz ta' medjazzjoni u mezzi xierqa oħrajn, assistiti, fejn xieraq, b'netwerks eżistenti u strutturi ta' appoġġ għal medjazzjoni f'tilwim dwar responsabbiltà tal-ġenituri transfruntier. Madankollu, dawn l-isforzi ma għandhomx itawlu bla bżonn il-proċedimenti ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980.

🡻 2201/2003 premessa 17 (adattat)
⇨ ġdid

(29) Il-qrati ta~~l~~-Istati Membri liema jew li minnhom il-minuri ġew imneħħija ⌦ jew miżmuma ⌫ ingustament ~~jew miżmuma~~ għandhom ikunu jistgħu ~~jopponu~~ ⌦ jirrifjutaw ⌫ ir-ritorn tiegħu f'każijiet speċifiċi jew ~~skond kif~~ ⇨ debitament ⇦ ġustifikati ⇨ kif permess mill-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980. Qabel ma tirrifjuta ir-ritorn tal-minuri, il-qorti għandha, madankollu, tqis jekk tpoġġewx fis-seħħ jew setgħux ittieħdu miżuri xierqa ta' protezzjoni biex jiġu eliminati riskji għall-aħjar interessi tal-minuri li setgħu jipprevjenu r-ritorn skont l-Artikolu 13(1)(b) tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980. Għal dak l-għan, il-qorti għandha tikkonsulta mal-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi kompetenti tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-minuri, bl-assistenza tal-Awtoritajiet Ċentrali jew in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE tat-28 ta' Mejju 2001[45], u f'każijiet xierqa, tordna kwalunkwe miżura ta' protezzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament biex tiżgura r-ritorn sikur tal-minuri. Dawn il-miżuri għandhom jiġu rikonoxxuti u infurzati fl-Istati Membri kollha oħrajn inklużi l-Istati Membri li għandhom ġurisdizzjoni skont dan ir-Regolament sakemm qorti kompetenti ta' Stat Membru tkun ħadet il-miżuri li hija tqis xierqa. ⇦

(30) ⇨ Meta l-qorti jew l-Istat Membru fejn, jew li fih il-minuri jitneħħew jew jinżammu b'mod inġust jiddeċiedu li jirrifjutaw ir-ritorn tal-minuri skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980, fid-deċiżjoni tagħhom dawn għandhom jirreferu b'mod espliċitu għall-artikoli rilevanti tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 li fuqhom ikun ibbażat dan ir-rifjut. ⇦ Madankollu, deċiżjoni bħal din tista' tiġi sostitwita minn deċiżjoni sussegwenti ⇨ , mogħtija waqt il-proċedimenti tal-kustodja wara eżami bir-reqqa tal-aħjar interessi tal-minuri, ⇦ mill-qorti ta~~l~~-Istat Membru tar-residenza abitwali ta~~l~~-minuri qabel it-tneħħija jew żamma ingusta. Jekk dik ~~is-sentenza~~ ⌦ id-deċiżjoni ⌫ tobbliga r-ritorn ta~~l~~-minuri, ir-ritorn għandu jiġi magħmul mingħajr l-ebda proċedura speċjali neċessarja għar-rikonoxximent u l-i~~e~~nfurzar ta' dik ~~is-sentenza~~ ⌦ id-deċiżjoni ⌫ fl-Istat Membru liema jew f'liema l-minuri ġew imneħħija jew miżmuma.

🡻 2201/2003 premessa 21

~~Ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi mogħtija fi Stat Membru għandu jiġi bbażat fuq il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka u l-bażi għal nuqqas ta' rikonoxximent għandu jinżamm għall-minimu neċessarju.~~

[45] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE tat-28 ta' Mejju 2001 li tistabbilixxi Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 174, 27.6.2001, p. 25).

🡻 2201/2003 premessa 22

L-istrumenti awtentiċi u l-ftehim bejn partijiet li huma nfurzabbli fi Stat Membru wieħed għandhom jiġu ttrattati bħala ugwali għal "sentenzi" għall-iskop ta' l-applikazzjoni tar-regoli dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar.

🡻 2201/2003 premessa 23 (adattat)
⇨ ġdid

(31) Il-Kunsill Ewropew ta' Tampere kkunsidra fil-konklużjonijiet tiegħu (punt 34) ⇨ Il-fiduċja reċiproka fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja fl-Unjoni tiġġustifika l-prinċipju ⇦ li sentenzi fil-qasam tat-tilwim familjari ⌦ deċiżjonijiet meħuda fi Stat Membru ⌫ għandhom ikunu "awtomatikament rikonoxxuti f'kull parti ta' l-Unjoni ⌦ fl-Istati Membri kollha ⌫ mingħajr ⌦ il-ħtieġa għal ⌫ ebda proċedimenti intermedji ⌦ proċedura ta' rikonoxximent ⌫ jew bażi għar-rifjut ta' l-infurzar". Huwa għalhekk li sentenzi dwar id-drittijiet ta' aċċess u sentenzi dwar ir-ritorn li ġew ċertifikati ⌦ B'mod partikulari, meta ppreżentati b'deċiżjoni meħuda fi Stat Membru ieħor u jiġi ddikjarat divorzju, separazzjoni legali jew l-annullament ta' żwieġ li ma jistax jiġi kkontestat iżjed ⌫ ġewwa l-Istati Membri ⌦ ta' oriġini ⌫ fejn oriġinaw skond id-disposizzjoniet ta' dan ir-Regolament, ⌦ l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru rikjest ⌫ għandhom jiġu rikonoxxuti ⌦ jirrikonoxxu d-deċiżjoni leġittima ⌫ u nfurzati fl-Istati Membri kollha mingħajr ma tkun neċessarja ebda proċedura oħra ⌦ u jaġġornaw l-atti tal-istat ċivili skont dan ⌫ . L-arranġamenti għall-infurzar ta' dawn is-sentenzi jkomplu jiġu rregolati mil-liġi nazzjonali.

⇩ ġdid

(32) Ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni għandu jiġi rifjutat biss jekk ikunu preżenti waħda mir-raġunijiet jew aktar għar-rifjut tar-rikonoxximent previst fl-Artikoli 37 u 38 Ir-raġunijiet imsemmija fil-punti minn (a) sa (c) tal-Artikolu 38(1), madankollu, ma jistgħux jiġu invokati kontra deċiżjonijiet dwar drittijiet ta' aċċess u d-deċiżjonijiet dwar ir-ritorn skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 26(4) li ġie ċċertifikat fl-Istat Membru tal-oriġini f'konformità ma' dan ir-Regolament, billi dan kien diġà l-każ sont ir-Regolament (KE) Nru 2201/2003.

(33) Barra minn hekk, l-għan li l-litigazzjoni transfruntiera rigward il-minuri tieħu inqas żmien u flus jiġġustifika l-abolizzjoni tad-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà qabel l-infurzar fl-Istat Membru tal-infurzar għad-deċiżjonijiet kollha dwar kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri. Filwaqt li r-Regolament (KE) Nru 2201/2003 abolixxa biss dan ir-rekwiżit għad-deċiżjonijiet li jippermettu l-aċċess u ċerti deċiżjonijiet li jordnaw ir-ritorn ta' minuri, dan ir-Regolament issa jipprevedi proċedura unika għall-infurzar transfruntier tad-deċiżjonijiet kollha fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri. B'riultat ta' dan, soġġetta għad-dispoizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, deċiżjoni meħuda mill-awtoritajiet ta' Stat Membru għandha titqies daqs li kieku ttieħdet fl-Istat Membru tal-infurzar.

(34) L-istrumenti awtentiċi u l-ftehim bejn partijiet li huma infurzabbli fi Stat Membru wieħed għandhom jiġu ttrattati bħala ugwali għal "deċiżjonijiet" għall-iskop tal-applikazzjoni tar-regoli dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar.

(35) Għandu jkun f'idejn il-qorti tal-Istat Membru tal-infurzar biex tordna miżuri speċifiċi ta' infurzar, biex tagħmel ordnijiet ancillari meħtieġa li jistgħu jkunu meħtieġa mil-liġi nazzjonali tal-infurzar u biex tinforma lill-awtorità kompetenti tal-infurzar biex tipproċedi bl-infurzar. Meta deċiżjoni minn Stat Membru ieħor tkun teħtieġ li tiġi speċifikata b'aktar dettalji jew adattata sabiex tiġi infurzata skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru tal-infurzar, il-qorti kompetenti ta' dak l-Istat Membru għandha tagħmel l-ispeċifikazzjonijiet jew l-adattamenti meħtieġa filwaqt li tirrispetta l-elementi essenzjali tad-deċiżjoni. B'mod partikulari, meta deċiżjoni li tagħti drittijiet ta' aċċess ma tkunx speċifika biżżejjed jew l-arranġamenti prattiċi meħtieġa jkunu nieqsa, dawn l-addizzjonijiet għandhom jiġu ordnati mill-qorti fl-Istat Membru tal-infurzar. Meta deċiżjoni jkun fiha miżura jew ordni li ma tkunx magħrufa fil-liġi tal-Istat Membru indirizzat, dik il-miżura jew l-ordni, inkluż kwalunkwe dritt indikat fiha, għandha, sa fejn possibbli, tkun adattata għal waħda li, skont il-liġi ta' dak l-Istat Membru, ikollha effetti ekwivalenti marbutin magħha u li għandha għanijiet simili.

(36) L-infurzar dirett fi Stat Membru ta' deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru ieħor mingħajr dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà ma għandux jipperikola r-rispett għad-drittijiet tad-difiża. Għaldaqstant, il-persuna li jkun qed jintalab infurzar kontriha għandha tkun tista' tapplika għar-rifjut tar-rikonoxximent jew tal-infurzar ta' deċiżjoni jekk hi tqis li jkun hemm preżenti waħda mir-raġunijiet għar-rifjut tar-rikonoxximent jew tal-infurzar ta' dan ir-Regolament.

(37) Parti li tisfida l-infurzar ta' deċiżjoni meħuda fi Stat Membru ieħor, sa fejn possibbli u f'konformità mas-sistema ġuridika tal-Istat Membru tal-infurzar, għandha tkun tista' tinvoka, fl-istess proċedura, apparti r-raġunijiet għar-rifjut tar-rikonoxximent jew l-infurzar kif stabbilit fl-Artikoli 37 u 38 ta' dan ir-Regolament, ir-raġunijiet għar-rifjut tal-infurzar kif stabbilit fl-Artikolu 40(2) ta' dan ir-Regolament. L-inkompatibbiltà tal-infurzar ta' deċiżjoni fl-aħjar interessi tal-minuri li ġiet ikkawżata bis-saħħa tal-oġġezzjonijiet ta' minuri ta' età u maturità suffiċjenti jew minħabba bidla oħra fiċ-ċirkustanzi li seħħew wara li ttieħdet id-deċiżjoni, għandha titqies biss jekk tilħaq importanza li tħabbatha mal-eċċezzjoni tal-ordni pubbliku. Ir-raġunijiet għar-rifjut tal-infurzar disponibbli skont id-dritt nazzjonali ma jistgħux jiġu invokati. Meta r-rifjut tal-infurzar ikun ibbażat fuq l-oġġezzjonijiet ta' minuri ta' età u maturità suffiċjenti, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru tal-infurzar għandhom, madankollu, jieħdu l-passi kollha xierqa biex iħejju lill-minuri għall-infurzar u kollhom il-kooperazzjoni tiegħu qabel ma jirrifjutaw l-infurzar.

(38) Sabiex jinforma lill-persuna li jkun qed jintalab infurzar kontriha dwar l-infurzar ta' deċiżjoni meħuda fi Stat Membru ieħor, iċ-ċertifikat stabbilit skont dan ir-Regolament għandu jiġi nnotifikat lil din il-persuna fi żmien raġonevoli qabel l-ewwel miżura ta' infurzar u, jekk meħtieġ, akkumpanjat bid-deċiżjoni. F'dak il-kuntest, l-ewwel miżura ta' infurzar għandha tfisser l-ewwel miżura ta' infurzar wara din in-notifika.

➔ 2201/2003 premessa 24 (adattat) ⇨ ġdid

(39) Iċ-ċertifikat maħruġ sabiex jiffaċilita l-infurzar ~~tas-sentenza~~ ⌦ tad-deċiżjoni ⌫ ma' għandux ikun suġġett għall-appell. Għandu jiġi kkoreġut biss fejn hemm żball materjali, jiġifieri fejn ma jirriflettix b'mod korrett ~~is-sentenza~~ ⌦ id-deċiżjoni ⌫ . ⇨Dan għandu jiġi rtirat meta jkun ċar li nħareġ bi żball fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. ⇦

⇩ ġdid

(40) Meta jiġu ordnati miżuri provviżorji, inklużi dawk protettivi, minn awtorità li għandha ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-każ, iċ-ċirkolazzjoni libera tagħhom għandha tiġi żgurata skont dan ir-Regolament. L-istess japplika għal miżuri provviżorji, inklużi dawk protettivi, ordnati f'każijiet urġenti fuq il-bażi tal-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament minn awtorità ta' Stat Membru li ma għandux ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-każ. Dawk il-miżuri għandhom japplikaw sakemm awtorità kompetenti ta' Stat Membru li għandha ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-każ skont dan ir-Regolament tkun ħadet il-miżuri li hi tqis xierqa.

Madankollu, miżuri provviżorji, inklużi dawk protettivi, li kienu ordnati mingħajr ma l-konvenut ma kien imsejjaħ jidher ma għandhomx ikunu rikonoxxuti u infurzati skont dan ir-Regolament.

🡻 2201/2003 premessa 25 (adattat)

(41) ⌦Fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, ⌫ l-AL-awtoritajiet Ċċentrali ⌦ għandhom jinħatru fl-Istati Membri kollha. Dawn ⌫ għandhom ⌦ jappoġġjaw lill-ġenituri u lill-awtoritajiet kompetenti waqt proċedimenti tarnsfruntiera u ⌫ jikkoperaw fi kwistjonijiet ġenerali kif ukoll f'każijiet speċifiċi, inklużi wkoll ir-raġunijiet li jiffavurixxu soluzzjoni ~~ta' ħbiberija~~ ⌦ amikevoli ⌫ ta' tilwim familjari~~,~~ ~~fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà ta' l-ġenituri~~. Għal din il-fini l-Aawtoritajiet Ċċentrali għandhom jipparteċipaw fin-Network Ġudizzjarja Ewropea fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali maħluqa mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE ~~tat-28 ta' Mejju 2001 li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali~~[46].

⇩ ġdid

(42) F'każijiet speċifiċi fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Awtoritajiet Ċentrali għandhom jikkooperaw ma' xulxin biex jipprovdu assistenza lill-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll lid-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri. Din l-assistenza għandha tinkludi, b'mod partikulari, il-lokazzjoni tal-minuri, direttament jew permezz ta' awtoritajiet kompetenti oħrajn, meta dan ikun meħtieġ biex titwettaq talba skont dan ir-Regolament, u l-għoti ta' informazzjoni relatata mal-minuri għall-finijiet tal-proċedimenti.

(43) Ir-Regolament (UE) Nru 2016/679[47] japplika għall-ipproċessar tad-dejta personali mill-Istat Membru mwettaq b'applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(44) Mingħajr preġudizzju għal ebda rekwiżit skont id-dritt proċedurali nazzjonali tagħha, awtorità rikjedenti għandu jkollha d-diskrezzjoni li tagħżel liberament bejn il-mezzi differenti disponibbli għaliha biex tikseb l-informazzjoni meħtieġa, pereżempju, f'każ ta' qrati billi japplikaw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001, billi jużaw in-

---

[46] Council Decision 2001/470/EC of 28 May 2001 li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 174, 27.6.2001, p. 25).

[47] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Dejta) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, b'mod partikulari l-Awtoritajiet Ċentrali stabbiliti skont dan ir-Regolament, l-imħallfin u l-punti ta' kuntatt tan-Netwerk, jew f'każ ta' awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi billi jitolbu informazzjoni permezz ta' organizzazzjoni mhux governattiva speċjalizzata f'dan il-qasam.

(45) Meta ssir talba b'raġunijiet ta' sostenn dwar is-sitwazzjoni tal-minuri, dwar kwalunkwe proċedura li tkun għaddejja jew dwar deċiżjonijiet meħuda li jikkonċernaw il-minuri, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru rikjest għandhom iwettqu din it-talba mingħajr ma japplikaw l-ebda rekwiżit ulterjuri li jista' jeżisti skont id-dritt nazzjonali tagħhom. It-talba għandha tinkludi b'mod partikulari deskrizzjoni tal-proċedimenti li għalihom hija meħtieġa l-informazzjoni u s-sitwazzjoni fattwali li twassal għal dawk il-proċedimenti.

(46) Awtorità ta' Stat Membru li tikkontempla deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri għandha tkun intitolata li titlob għall-komunikazzjoni tal-informazzjoni rilevanti għall-protezzjoni tal-minuri mill-awtoritaiet ta' Stat Membru ieħor jekk l-aħjar interessi tal-minuri jkunu jirrikjedu dan. Skont iċ-ċirkustanzi, din tista' tinkludi informazzjoni dwar il-proċedimenti u d-deċiżjonijiet rigward ġenitur jew aħwa tal-minuri, jew dwar il-kapaċità li ġenitur jieħu ħsieb ta' minuri jew ikollu aċċess għall-minuri.

(47) Meta persuna b'rabtiet familjari de facto kif speċifikat bil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem mal-minuri tkun tirrisjedi fi Stat Membru u tkun tixtieq tibda proċedimenti ta' aċċess fi Stat Membru ieħor fejn il-minuri jkunu residenti abitwali, dik il-persuna għandha titħalla tikkuntattja direttament lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru fejn tkun tirrisjedi u tikseb konstatazzjoni dwar l-idoneità tagħha biex teżerċita l-aċċess u dwar il-kundizzjonijiet li bihom l-aċċess jista' jitqies ħalli dawk il-konstatazzjoniiet ikunu jistgħu jintużaw imbagħad fil-proċedimenti fl-Istat Membru li għandu ġurisdizzjoni skont dan ir-Regolament. Dik l-istess informazzjoni għandha tingħata wkoll mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn il-persuna li tkun qed tfittex aċċess tkun tirrisjedi jekk din it-talba toriġina mill-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor li jkollu ġurisdizzjoni skont dan ir-Regolament.

(48) Billi ż-żmien huwa element essenzjali fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, it-tweġiba għal kull talba li ssir skont l-Artikoli 64 u 65 għandha tintbagħat fi żmien xahrejn.

(49) Meta awtorità jew Stat Membru jkunu diġà ħadu deċiżjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri jew ikunu qed jikkontemplaw din id-deċiżjoni u l-implimentazzjoni għandha sseħħ fi Stat Membru ieħor, l-awtorità tista' titlob li l-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru l-ieħor jassistu fl-implimentazzjoni tad-deċiżjoni. Dan għandu japplika, pereżempju, għal deċiżjonijiet li jippermettu aċċess sorveljat li għandu jiġi eżerċitat fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru fejn tkun lokalizzata l-awtorità li tordna l-aċċess jew li jinvolvu kwalunkwe miżura ta' akkumpanjament oħra tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru fejn għandha tiġi implimentata d-deċiżjoni.

(50) Meta awtorità ta' Stat Membru tqis it-tqegħid ta' minuri ma' familja tar-rispett jew f'istituzzjoni fi Stat Membru ieħor, għandha sseħħ proċedura ta' konsultazzjoni permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali taż-żewġ Stati Membri qabel it-tqegħid. L-awtorità li tqis it-tqegħid għandha tikseb il-kunsens tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih il-minuri għandu jitqiegħed qabel ma tordna t-tqegħid. Billi ħafna d-drabi t-qegħid ikun miżura urġenti meħtieġa biex minuri jitneħħa minn sitwazzjoni li tpoġġi l-aħjar interessi tiegħu f'riskju, iż-żmien huwa element essenzjali għal dawn id-deċiżjonijiet.

Sabiex titħaffef il-proċedura tal-konsultazzjoni, dan ir-Regolament għalhekk jistabbilixxi b'mod eżawrjenti r-rekwiżiti għat-talba u skadenza għat-tweġiba mill-Istat Membru fejn għandu jitqiegħed il-minuri. Madankollu, il-kundizzjonijiet biex jingħata jew jiġi rifjutat il-kunsens ikomplu jitmexxew mid-dritt nazzjonali tal-Istat Membru rikjest.

(51) Kwalunkwe tqegħid fit-tul ta' minuri barra minn pajjiżhom għandu jkun f'konformità mal-Artikolu 24(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (id-dritt li jinżamm kuntatt personali mal-ġenituri) u mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, notevolment l-Artikoli 8, 9 u 20. B'mod partikulari, meta jitqiesu s-soluzzjonijiet, għandha tingħata l-importanza dovuta lix-xewqa ta' kontinwità fit-trobbija tal-minuri u lill-kuntest etniku, reliġjuż, kulturali u lingwistiku tal-minuri.

🡻 2201/2003 premessa 26 (adattat)

(52) Il-Kummissjoni għandha tpoġġi għad-disposizzjoni tal-pubbliku u taġġorna ~~l-listi ta'~~ ⌦ l-informazzjoni dwar il- ⌫ qrati u proċedimenti għat-tiswija tal-inġustizzji, ikkomunikati mill-Istati Membri.

🡻 2201/2003 premessa 27

